LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 601.09

REGOLAMENTI DWAR KUNTRATTI TA' KONĊESSJONI

28 ta' Ottubru, 2016

L-AVVIŻ LEGALI 353 tal-2016, kif emendat bl-Avviżi Legali 26 tal-2018 u 196 and 414 tal-2020, u 26 tal-2022; bl-Atti XXVIII tal-2018 u XVII tal-2024 u bl-Avviżi Legali 112 u 360 tal-2024.

ARRANĠAMENT TAR-REGOLAMENTI

		Regolamenti
Titolu		1
Taqsima I	Dispożizzjonijiet Ġenerali	
	Interpretazzjoni u skop	2 - 3
	Applikabbiltà	4 - 10
	L-Uffiċċju tad-Direttur tal-Kuntratti	11 - 15
	L-Awtorità Kontraenti u Entità Kontraenti	16
	Impriżi Assoċjati	17 - 20
	Impriża Konġunta	21
	Konċessjonijiet bejn Entitajiet fis-Settur Pubbliku	22 - 25
	Kuntratti Mħallta	26 - 35
	Kumitat Speċjali tal-Kuntratti u Kumitat ta' Evalwazzjoni	36 - 51
	Bordijiet u Tribunali	52
	Metodi biex jiġi kkalkulat il-Valur Stmat ta' Konċessjonijiet	53 - 57
	L-Offerent/Kandidat	58 - 60
Taqsima II	Il-Proċess	
	Twaqqif tal-Proċedura	61 - 76
	Valutazzjoni kwalitattiva u Selezzjoni ta' Operaturi Ekonomiċi Kandidati u Offerenti	77 - 78
	Għoti ta' Kuntratt	79 - 80
	Esklużjoni u *black listing* ta' Kandidati, Operaturi Ekonomiċi u Offerenti	81 - 82
Taqsima III	Regoli dwar Prestazzjoni ta' Kuntratti ta' Konċessjoni	
	Regoli li għandhom x'jaqsmu mas-Subkuntratturi	83 - 84
	Modifiki għal kuntratti ta' konċessjoni	85 - 93
	Terminazzjoni ta' Kuntratti ta' Konċessjoni	94
Taqsima IV	Regoli komuni ta' Konċessjonijiet li jilħqu jew jaqbżu l-Limitu	
	Pubblikazzjonijiet	95 - 97
Taqsima V	Rimedji	
	Rimedji qabel id-Data tal-Għeluq ta' Sejħa għal Kompetizzjoni	98 - 105
	Appelli minn Deċiżjonijiet li jkunu ittieħdu wara d-Data tal-Għeluq għas-Sottomissjoni ta' Offerta	106 - 112
	Ineffettività ta' kuntratt	113 - 118
	Qorti tal-Appell	119 - 125

SKEDI

Skeda 1	Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti
Skeda 2	Lista ta' Attivitajiet imsemmija fit-Tifsira ta' Eżekuzzjoni ta' Xogħol taħt ir-regolament 2
Skeda 3	Valuri ta' Limiti
Skeda 4	Attivitajiet eżerċitati minn Entitajiet Kontraenti
Skeda 5	Lista ta' Atti Legali tal-Unjoni
Skeda 6	Servizzi
Skeda 7	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Konċessjoni
Skeda 8	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Perjodu minn Qabel li jikkonċernaw Konċessjonijiet għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn
Skeda 9	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi ta' għoti ta' konċessjoni
Skeda 10	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi ta' għoti ta' konċessjoni li tikkonċerna Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn
Skeda 11	Karatteristiċi li jikkonċernaw il-Pubblikazzjoni
Skeda 12	Lista ta' Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol
Skeda 13	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Modifiki ta' Konċessjoni waqt il-terminu tiegħu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni. Titolu.

Taqsima I
Dispożizzjonijiet Ġenerali

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti - Interpretazzjoni u skop.

"awtoritajiet kontraenti" tfisser awtorità Statali, reġjonali jew lokali, korpi rregolati mil-liġi pubblika, jew assoċjazzjonijiet ifformati minn tali awtorità waħda jew aktar jew tali korp irregolat mil-liġi pubblika wieħed jew aktar għajr dawk l-awtoritajiet, korpi jew assoċjazzjonijiet li jwettqu waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 4 u li jagħtu konċessjoni għat-twettiq ta' waħda minn dawk l-attivitajiet;

"awtoritajiet lokali" tinkludi l-awtoritajiet kollha tal-unitajiet amministrattivi li mhumiex elenkati b'mod eżawrjenti f'NUTS 1 u 2, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

"awtoritajiet reġjonali" tinkludi l-awtoritajiet kollha tal-unitajiet amministrattivi li mhumiex elenkati b'mod eżawrjenti f'NUTS 1 u 2, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

"Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi" tfisser il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi kif stabbilit taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; L.S. 601.05

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Kuntratti kif stabbilit taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; L.S. 601.05

"dokument ta' konċessjoni" tfisser kwalunkwe dokument prodott jew imsemmi mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti biex jiddeskrivu jew jiddeterminaw l-elementi tal-konċessjoni jew il-proċedura, inkluż l-avviż ta' konċessjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kundizzjonijiet proposti tal-konċessjoni, il-formati għall-preżentazzjoni tad-dokumenti mill-kandidati u l-offerenti, l-informazzjoni dwar obbligi ġeneralment applikabbli u kwalunkwe dokument addizzjonali;

"dritt esklużiv" tfisser dritt mogħti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru permezz ta' kwalunkwe liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva ppubblikata li hi kompatibbli mat-Trattati li l-effett tagħha jkun li tillimita l-eżerċizzju ta' attività għal operatur ekonomiku waħdieni u li taffettwa sostanzjalment l-abbiltà ta' operaturi ekonomiċi oħra li jwettqu attività bħal din;

"dritt speċjali" tfisser dritt mogħti minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru permezz ta' kwalunkwe liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva pubblikata li hija kompatibbli mat-Trattati li l-effett tagħha jkun li tillimita l-eżerċizzju ta' attività għal żewġ operaturi ekonomiċi jew aktar u li taffettwa sostanzjalment l-abbiltà ta' operaturi ekonomiċi oħra li jwettqu attività bħal din;

"eżekuzzjoni ta' xogħlijiet" tfisser l-eżekuzzjoni, jew kemm it-tfassil kif ukoll l-eżekuzzjoni, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 2 jew ta' biċċa xogħol, jew ir-realizzazzjoni, b'liema mezz li jkun, ta' biċċa xogħol li tikkorrispondi għar-rekwiżiti speċifikati mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti li teżerċita influwenza deċiżiva fuq it-tip jew it-tfassil tal-biċċa xogħol;

"impriża pubblika" tfisser kwalunkwe impriża li fuqha l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza dominanti bis-saħħa tas-sjieda tagħhom fuqha, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha;

"innovazzjoni" tfisser l-implementazzjoni ta' prodott, servizz, proċess ġdid jew imtejjeb b'mod sinifikanti, inkluż iżda mhux limitat għall-proċessi ta' produzzjoni, bini jew kostruzzjoni, ta' metodu ġdid ta' kummerċjalizzazzjoni, jew ta' metodu organizzazzjonali ġdid fil-prattiki tan-negozju, organizzazzjoni tal-post tax-xogħol jew relazzjonijiet esterni li fost oħrajn ikollha l-għan li tgħin biex jissolvew l-isfidi tas-soċjetà jew li tappoġġa l-istrateġija Ewropa 2020.

"kandidat" tfisser operatur ekonomiku li jkun wieġeb għal stedina jew li jkun ġie mistieden jieħu sehem fi proċedura tal-għoti ta' konċessjoni;

"konċessjonarju" tfisser operatur ekonomiku li jkun ingħata konċessjoni;

"korpi rregolati mil-liġi pubblika" tfisser korp li jkollu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(*a*) huma stabbiliti għall-għan speċifiku li jissodisfaw il-bżonnijiet fl-interess ġenerali, li ma jkollhomx karattru industrijali jew kummerċjali;

(*b*) għandhom personalità ġuridika; u

(*ċ*) huma ffinanzjati, fil-parti l-kbira, mill-awtoritajiet Statali, reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika; jew huma soġġetti għal superviżjoni maniġerjali minn dawk il-korpi jew awtoritajiet; jew għandhom bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jinħatru mill-Istat, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika.

"konċessjonijiet" tfisser konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew servizzi, kif definit fil-paragrafi (*a*) u (*b*) ta' hawn taħt:

(*a*) "konċessjoni ta' xogħlijiet" tfisser kuntratt bi ħlas miftiehem bil-miktub li permezz tiegħu entità kontraenti jew awtorità kontraenti waħda jew aktar jafdaw l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din id-delega tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tax-xogħlijiet li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas;

(*b*) "konċessjoni ta' servizzi" tfisser kuntratt b'interess pekunjarju konkluż bil-miktub, li permezz tiegħu awtorità kontraenti jew entità kontraenti waħda jew aktar tafda l-forniment u l-ġestjoni ta' servizzi li mhumiex twettiq ta' xogħlijiet kif imsemmi fil-paragrafu (*a*) lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar, meta l-konsiderazzjoni għal din tkun tikkonsisti unikament fid-dritt ta' sfruttament tas-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt jew f'dak id-dritt flimkien ma' ħlas.

L-għoti ta' konċessjoni ta' xogħlijiet jew servizzi għandu jinvolvi t-trasferiment lill-konċessjonarju ta' riskju operattiv fl-isfruttament ta' dawk ix-xogħlijiet jew servizzi, li jinkludi riskju ta' domanda jew ta' disponibbiltà jew tat-tnejn. Il-konċessjonarju għandu jitqies li jassumi r-riskju operattiv, f'kundizzjonijiet ta' operazzjoni normali, meta ma jkunx garantit li jirkupra l-investimenti magħmula jew l-ispejjeż imġarrba fl-operat tax-xogħlijiet jew is-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni. Il-parti tar-riskju ttrasferita lill-konċessjonarju għandha tinvolvi esponiment reali għall-inċertezzi tas-suq, b'tali mod li kwalunkwe telf potenzjali stmat imġarrab mill-konċessjonarju m'għandux ikun biss nominali jew negliġibbli;

"Kumitat ta' Evalwazzjoni" tfisser Bordijiet jew Kumitati maħtura mid-Direttur bil-għan li jevalwaw offerti riċevuti u sabiex jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwarhom;

"Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali" tfisser il-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali kif stabbilit taħt ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; L.S. 601.05

"kunflitti ta' interess" għandu mill-inqas ikopri kwalunkwe sitwazzjoni fejn il-membri tal-persunal tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti li jkunu involuti fit-twettiq tal-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni jew li jistgħu jinfluwenzaw l-eżitu ta' dik il-proċedura jkollhom, direttament jew indirettament, interess finanzjarju, ekonomiku jew interess personali ieħor li jista' jitqies bħala li jikkomprometti l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni;

"mezzi elettroniċi" tfisser tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluż il-kompressjoni diġitali) u l-ħażna tad-*data*, li tiġi trasmessa, imwassla u riċevuta permezz ta' wajers, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra;

"miktub" jew "bil-miktub" tfisser kull espressjoni li tikkonsisti fi kliem jew ċifri li jisgħu jinqraw, jiġu riprodotti jew ikkommunikati wara, inkluża informazzjoni trasmessa u maħżuna permezz ta' mezzi elettroniċi;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal finanzi;

"modifika" tfisser kull bidla, varjazzjoni jew emenda tat-termini oriġinali tal-kuntratt inkluż, iżda mhux limitat għal, l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet u għat-tneħħija jew is-sostituzzjoni ta' kundizzjonijiet eżistenti;

"offerent" tfisser operatur ekonomiku li ppreżenta offerta;

"operatur ekonomiku" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jew entità pubblika, jew grupp ta' persuni jew entitajiet bħal dawn, inklużi assoċjazzjonijiet temporanji ta' impriżi, li joffri li jwettaq xogħlijiet u, jew biċċa xogħol, li jipprovdi prodotti jew li jforni servizzi fis-suq;

"pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern" tfisser pjattaforma elettronika li d-Direttur jista', permezz ta' ċirkolari, jindika minn żmien għal żmien;

"Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali" tfisser the Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali kif stabbilit taħt ir-Regolamenti L.S. 601.05

dwar l-Akkwist Pubbliku;

"TFUE" tfisser it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea 2012/C326/01 inluži emendi fil-futur tal-imsemmi Trattat;

"xogħol" tfisser l-eżitu tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni u inġinerija ċivili meħuda bħala ħaġa waħda li fiha nnifiha hija suffiċjenti biex taqdi funzjoni ekonomika jew teknika.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti "entitajiet kontraenti" tfisser entitajiet li jwettqu waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 4 u li jagħtu konċessjoni għat-twettiq ta' waħda minn dawk l-attivitajiet, u li huma waħda minn dawn li ġejjin:

(*a*) tfisser awtorità Statali, reġjonali jew lokali, korpi rregolati mil-liġi pubblika jew assoċjazzjonijiet ifformati minn tali awtorità waħda jew aktar jew tali korp irregolat mil-liġi pubblika;

(*b*) impriżi pubbliċi;

(*ċ*) entitajiet barra minn dawk imsemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*) iżda li joperaw abbażi ta' drittijiet speċjali jew esklużivi, mogħtija għall-eżerċizzju ta' waħda mill-attivitajiet msemmija fl- fl-Iskeda 4;

(*d*) l-entitajiet elenkati fl-Iskeda 1:

Iżda l-entitajiet li jkunu ngħataw drittijiet speċjali jew esklużivi permezz ta' proċedura li fiha tkun ġiet żgurata pubbliċità adegwata u fejn l-għoti ta' dawk id-drittijiet kien ibbażat fuq kriterji oġġettivi, m'għandhomx jikkostitwixxu "entitajiet kontraenti" fis-sens tal-paragrafu (*ċ*). Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu:

(i) proċeduri ta' akkwist b'sejħa minn qabel għal kompetizzjoni b'konformità mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, dawn ir-regolamenti u r-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali;

L.S. 601.03
L.S. 601.07
L.S. 601.05

(ii) proċeduri skont atti legali oħra tal-Unjoni, elenkati fl-Iskeda 5, li jiżguraw trasparenza adegwata minn qabel għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet abbażi ta' kriterji oġġettivi.

(3) Għall-finijiet tat-tifsira "impriża pubblika", influwenza dominanti min-naħa tal-awtoritajiet kontraenti għandha tkun mistennija fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin li fihom dawk l-awtoritajiet, b'mod dirett jew indirett:

(*a*) ikollhom il-maġġoranza tal-kapital sottoskritt tal-impriża;

(*b*) jikkontrollaw il-maġġoranza tal-voti li jkollhom l-ishma maħruġin mill-impriża;

(*ċ*) ikunu jistgħu jaħtru aktar min-nofs il-korp amministrattiv, maniġerjali, superviżorju tal-impriża.

Skop.

3. L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jiġu regolati l-għoti ta' xogħlijiet u konċessjonijiet ta' servizz lill-operaturi ekonomiċi.

Applikabbiltà

Disposizzjoni transitorja.

4. Kull proċedura ta' konċessjoni li tkun inħarġet sal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandha tibqa' regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ, inkluż kull reviżjoni fuq xi deċiżjoni dwar dan.

Nuqqas ta' applikazzjoni għal konċessjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti.

5. (1) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal:

(*a*) konċessjonijiet ta' servizzi mogħtija lill-awtorità kontraenti jew lil entità kontraenti kif imsemmi fir-regolament 2(2)(*a*) jew lil assoċjazzjoni tagħhom fuq bażi ta' dritt esklużiv;

(*b*) konċessjonijiet ta' servizzi mogħtija lil operatur ekonomiku abbażi ta' dritt esklużiv li jkun ingħata skont it-TFUE u atti legali tal-Unjoni li jistabbilixxu regoli komuni għal aċċess għas-suq applikabbli għall-attivitajiet msemmija fl-Iskeda 4:

Iżda fejn leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni msemmija f'dan il-paragrafu ma tipprevedix obbligi ta' trasparenza speċifiċi għas-settur, għandu japplika r-regolament 96:

Iżda wkoll fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tagħti dritt esklużiv, b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda 3, lil operatur ekonomiku għall-eżerċizzju ta' waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 4, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan fi żmien xahar wara l-għoti ta' dak id-dritt eslużiv;

(*ċ*) konċessjonijiet ta' servizzi ta' trasport bl-ajru bbażati fuq l-għoti ta' liċenzja operattiva fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (22) jew għal konċessjonijiet għas-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007;

(*d*) konċessjonijiet li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti hija obbligata tagħti jew torganizza f'konformità ma' proċeduri li jkunu differenti minn dawk stipulati f'dawn ir-regolamenti stabbiliti minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) strument legali li joħloq obbligi legali internazzjonali, bħal ftehim internazzjonali konklużf'konformità mat-TFUE bejn Stat Membru u pajjiż terz wieħed jew aktar jew subdiviżjonijiet tiegħu jew tagħhom u li jkopri xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għall-implimentazzjoni jew l-isfruttament konġunt ta' proġett mill-firmatarji tagħhom;

(ii organizzazzjoni internazzjonali.

(*e*) konċessjonijiet li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tagħti skont regoli ta' akkwist previsti minn

organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, fejn il-konċessjonijiet ikkonċernati jkunu ffinanzjati kompletament minn dik l-organizzazzjoni jew istituzzjoni. Fil-każ ta' konċessjonijiet ikkofinanzjati fil-parti l-kbira minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, il-partijiet għandhom jaqblu dwar il-proċeduri applikabbli tal-akkwist;

(*f*) il-paragrafi (*d*) u (*e*) ma għandhomx japplikaw għal konċessjonijiet mogħtija taħt ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà; L.S. 601.07

(*g*) konċessjonijiet fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà kif imsemmi fi u skont ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, li huma regolati bi: L.S. 601.07

(i) regoli speċifiċi proċedurali skont ftehim internazzjonali jew arranġament bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz jew aktar;

(ii) regoli speċifiċi proċedurali skont ftehim internazzjonali konkluż jew arranġament dwar l-istazzjonar ta' truppi u li jikkonċerna l-garanzji mogħtija minn xi Stat Membru jew pajjiż terz;

(iii) regoli speċifiċi proċedurali ta' organizzazzjoni internazzjonali, li tixtri għal skopijiet tagħha jew ta' kuntratti li għandhom jingħataw minn awtorità kontraenti jew entità kontraenti bi qbil ma' dawk ir-regoli.

(*h*) konċessjonijiet fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà kif imsemmi fir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà li jaqgħu taħt waħda minn dawn li ġejjin: L.S. 601.07

(i) konċessjonijiet li fir-rigward tagħhom, l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti tobbliga lil Malta biex tforni informazzjoni li l-iżvelar tagħha tkun tikkunsidrah li jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha; jew fejn l-akkwist u l-prestazzjoni tal-konċessjoni huma ddikjarati bħala sigrieta jew għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri ta' sigurtà speċjali f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ f'Malta dment li Malta tkun stabbilixxiet li l-interessi essenzjali kkonċernati ma jkunux jistgħu jiġu garantiti permezz ta' miżuri inqas intruživi, bħal dawk imsemmija fil-paragrafu (*i*) hawn taħt;

(ii) konċessjonijiet mogħtija fil-qafas tal-programm kooperattiv imsemmi fir-regolament 14 tar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà; L.S. 601.07

(iii) konċessjonijiet mogħtija minn gvern lil gvern ieħor relatati ma' xogħlijiet u servizzi marbuta direttament ma' tagħmir militari jew tagħmir sensittiv, jew xogħlijiet u servizzi speċifikament għal raġunijiet militari, jew xogħlijiet sensittivi u servizzi sensittivi;

(iv) konċessjonijiet mogħtija f'pajjiż terz, li jsiru meta jkunu stazzjonati forzi militari barra mit-territorju tal-Unjoni, fejn ħtiġijiet operattivi jitolbu li dawk il-konċessjonijiet ikunu konklużi ma' operaturi ekonomiċi li jinsabu fiż-żona tal-operazzjonijiet; u

(v) konċessjonijiet b'xi mod ieħor eżentati taħt dawn ir-regolamenti;

(*i*) konċessjonijiet li mhumiex eżentati b'mod ieħor taħt il-paragrafu (*h*) sa fejn il-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ta' Malta ma tkunx tista' tiġi ggarantita permezz ta' miżuri inqas intrużivi, pereżempju bl-impożizzjoni ta' rekwiżiti mmirati għall-protezzjoni tan-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tagħmel disponibbli, fi proċedura tal-għoti ta' konċessjoni kif previst f'dawn ir-regolamenti;

(*j*) konċessjonijiet ta' servizz għall-akkwist jew il-kiri, permezz ta' kwalunkwe mezz finanzjarju, ta' art, bini eżistenti, jew proprjetà immobbli oħra jew drittijiet konċernati fuqhom;

(*k*) konċessjonijiet ta' servizz għall-akkwist, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-koproduzzjoni ta' materjal għall-programm maħsub għas-servizzi tal-media awdjoviżiva jew servizzi tal-media radjofoniċi, li huma mogħtija minn fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżivi jew radjofoniċi, jew il-konċessjonijiet għal ħin ta' xandir jew il-forniment ta' programmi, li jingħataw lill-fornituri tas-servizz tal-media awdjoviżivi jew radjofoniċi;

(*l*) konċessjonijiet ta' servizz for arbitration u conciliation services;

(*m*) konċessjonijiet ta' servizz għal kwalunkwe mis-servizzi legali li ġejjin:

(i) rappreżentanza legali ta' klijent minn avukat fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE f'arbitraġġ jew konċiljazzjoni miżmuma minn Stat Membru, pajjiż terz jew quddiem istanza internazzjonali ta' arbitraġġ jew konċiljazzjoni, jew proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati, it-tribunali jew l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, jew pajjiż terz jew quddiem qrati, tribunali jew istituzzjonijiet internazzjonali;

(ii) parir legali mogħti bi tħejjija għal kwalunkwe wieħed mill-proċedimenti msemmi fis-subparagrafu (i) jew meta jkun hemm indikazzjoni konkreta u probabbiltà għolja li l-kwistjoni li

dwarha jingħata l-parir issir is-suġġett ta' tali proċedimenti, dment li l-parir jingħata minn avukat skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 77/249/KEE;

(iii) servizzi ta' ċertifikazzjoni u awtentikazzjoni ta' dokumenti li għandhom jingħataw minn nutara;

(iv) servizzi legali mogħtija minn *trustees* jew gwardjani maħturin jew servizzi legali oħrajn li l-forniturituagħhom huma indikati minn qorti jew tribunal fl-Istat Membru kkonċernat jew minn liġi għat-twettiq ta' kompiti speċifiċi taħt is-superviżjoni ta' tribunali jew qrati bħal dawn;

(v) servizzi legali oħrajn li f'Malta huma konnessi, anki b'mod okkażjonali, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali;

(*n*) konċessjonijiet ta' servizzi finanzjarji marbuta mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' titoli jew strumenti finanzjarji oħra skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, servizzi tal-bank ċentrali u l-operazzjonijiet imwettqa mal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(*o*) konċessjonijiet ta' servizz għal self, sew jekk marbut mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' titoli jew strumenti finanzjarji oħra kif ukoll jekk le;

(*p*) servizzi ta' difiża ċivili, protezzjoni ċivili, u ta' prevenzjoni ta' perikolu li huma fornuti minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, u li huma koperti mill-kodiċi CPV li ġejjin: 75250000-3, 75251000-0, 75251100-1, 75251110-4, 75251120-7, 75252000-7, 75222000-8, 98113100-9 u 85143000-3 minbarra servizzi tal-ambulanza għat-trasport ta' pazjenti;

(*q*) servizzi ta' kampanji politiċi, li huma koperti mill-kodiċi CPV 79341400-0, 92111230-3 u 92111240-6, meta mogħtija minn partit politiku fil-kuntest ta' kampanja elettorali;

(*r*) konċessjonijiet ta' servizz għas-servizzi ta' lotterija, li huma koperti mill-kodiċi CPV 92351100-7, mogħtija minn Malta lil operatur ekonomiku fuq il-bażi ta' dritt esklużiv mogħti. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-kunċett ta' dritt esklużiv ma jkoprix drittijiet esklużivi kif imsemmi fit-tifsira tal-frażi "entitajiet kontraenti" fir-regolament 2(2):

Iżda l-għoti ta' dan id-dritt esklużiv għandu jkun soġġett għal pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

(*s*) konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti għat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom f'pajjiż terz, f'kundizzjonijiet li ma jinvolvux l-użu fiżiku ta' netwerk jew żona ġeografika fi ħdan l-Unjoni.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1)(*k*), "servizzi tal-media awdjoviżiva" u "fornituri ta' servizzi tal-media" għandu jkollhom, rispettivament, l-istess tifsira bħal dik fil-punti (a) u (d) tal-Artikolu 1(1)tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. "Programm" għandu jkollu l-istess tifsira bħal dak fil-punt (b) tal-Artikolu 1(1) ta' dik id-Direttiva, iżda għandu jinkludi wkoll programmi radjofoniċi u materjali tal-programmi radjofoniċi. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "materjal tal-programm" għandu jkollu l-istess tifsira bħal "programm".

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jaffettwaw is-sistemi tagħhom tas-sigurtà soċjali ta' Malta.

(4) Is-servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali għandhom jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Dawn ir-regolamenti ma jaffettwawx ukoll il-libertà tal-gvern biex jiddefinixxu, dak li jikkunsidraw bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kif dawn is-servizzi għandhom jiġu organizzati u ffinanzjati, f'konformità mar-regoli tal-Għajnuna mill-Istat, u għal liema obbligazzjonijiet speċifiċi għandhom ikunu suġġetti.

Nuqqas ta' applikabbiltà fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

6. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal konċessjonijiet li għandhom l-għan prinċipali li jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti jipprovdu jew jisfruttaw netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni, jew li jipprovdu lill-pubbliku servizz wieħed jew aktar ta' komunikazzjoni elettronika:

Iżda għall-finijiet ta' dan ir-regolament "netwerk pubbliku ta' komunikazzjoni" u "servizz ta' komunikazzjoni elettronika" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Esklużjonijiet speċifiċi fil-qasam tal-ilma.

7. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal konċessjonijiet mogħtija għal -

(*a*) il-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku b'rabta mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' ilma tajjeb għax-xorb;

(*b*) il-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb lil tali netwerks.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw ukoll għal konċessjonijiet b'wieħed, jew it-tnejn, mis-suġġetti li ġejjin meta huma jkunu konnessi ma' attività msemmija fis-subregolament (1):

(*a*) proġetti ta' inġinerija idrawlika, irrigazzjoni jew dranaġġ tal-art, dment li l-volum ta' ilma li għandu jintuża għall-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb ikun jirrappreżenta aktar minn għoxrin fil-mija tal-volum totali ta' ilma mqiegħed għad-dispożizzjoni minn dawk il-proġetti jew minn stallazzjonijiet għall-irrigazzjoni jew id-dranaġġ; jew

(*b*) ir-rimi jew it-trattament tad-dranaġġ.

Esklużjoni ta' attivitajiet li huma direttament esposti għall-kompetizzjoni.

8. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti fejn, għall-Istat Membru fejn għandhom isiru tali konċessjonijiet, ikun ġie stabbilit skont ir-regolament 28 tar-Regolamenti tal-2016 dwar Akkwist

Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, li l-attività tkun direttament esposta għall-kompetizzjoni skont ir-regolament 27 tal-imsemmija regolamenti.

Servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn.

9. (1) Konċessjonijiet għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra elenkati fl-Iskeda 6 li jkollhom valur stmat li jkun inqas mil-limitu stabbilit fl-Iskeda 3 u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti biss għall-obbligi li jirriżultaw mit-Taqsima V.

(2) Konċessjonijiet għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn elenkati fl-Iskeda 6, li jkollhom valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda 3 li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti biss għall-obbligi li jirriżultaw mir-regolamenti 95(3), 96 u t-Taqsima V.

Servizzi ta' riċerka u żvilupp.

10. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss għal konċessjonijiet ta' servizzi għal servizzi ta' riċerka u żvilupp, li huma koperti mill-kodiċi CPV 73000000-2 sa 73120000-9, 73300000-5, 73420000-2 u 73430000-5 dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-benefiċċji jmorru esklużivament għand l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għall-użu tagħha fit-twettiq tan-negozju tagħha; u

(*b*) is-servizz provdut ikun kompletament remunerat mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.

L-Uffiċċju tad-Direttur tal-Kuntratti

Direttur tal-Kuntratti u r-responsabbiltà. L.S. 601.03

11. Ir-regolamenti 10 u 11 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dawn ir-regolamenti.

Functions u powers of id-Direttur.

12. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti d-Direttur ikollu l-funzjoni li:

(*a*) jevalwa u japprova kull talba magħmula skont ir-regolament 16(1)(*b*) u (2);

(*b*) japprova l-ħatra tal-membri tal-kumitat ta' evalwazzjoni wara rakkomondazzjoni mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraent;

(*ċ*) jaħtar membri tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti wara konsultazzjoni mal-awtorità kontraenti jew mal-entità kontraenti;

(*d*) iwettaq monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni korretta u effiċjenti ta' dawn ir-regolamenti;

(*e*) jagħti informazzjoni jew direzzjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti bla ħlas u sabiex jassisti awtoritajiet jew entitajiet kontraenti u operaturi ekonomiċi sabiex japplikaw b'mod korret dawn ir-regolamenti;

(*f*) jimplimenta t-Taqsima VI tar-Regolamenti tal-2016

dwar l-Akkwist Pubbliku ukoll fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti;

(*g*) jidentifika u jimplimenta mezzi xierqa biex ikun jista' jissorvelja l-eżekuzzjoni xierqa tal-kuntratti mogħtija taħt dawn ir-regolamenti; u

(*h*) jagħmel u jibgħat rapport lill-Ministru, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, dwar il-prestazzjoni tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti, matul is-sena finanzjarja eżaminata.

(2) Id-Direttur jista' jimponi xi kundizzjonijiet li jidhirlu xierqa meta jagħti l-approvazzjoni għat-talba kif provdut is-subregolament (1)(*a*).

(3) Meta d-Direttur jew xi persuna ddelegata minnu tidentifika, permezz tal-attivitajiet ta' monitoraġġ taħt is-subregolament (1)(d), ksur speċifiku, bħal frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u irregolaritajiet serji oħra, jew problemi sistematiċi, huwa għandu jirrapporta dwar dan lill-awtorità xierqa.

(4) Id-Direttur għandu jippubblika rapport annwali li jiddettalja r-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ stabbiliti fis-subregolament (1)(d).

Nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-regolamenti.

13. Meta d-Direttur isir jaf li l-kundizzjonijiet stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti ma ġewx rispettati huwa jista' jieħu kull azzjoni meħtieġa, inkluż li jordna lill-awtorità kontraenti u lill-entità kontraenti jħasssru l-proċedura ta' akkwist.

Frodi u korruzzjoni.

14. Id-Direttur għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiġġieled l-frodi, il-favoritiżmu u l-korruzzjoni u biex b'mod effettiv jipprevjeni, jidentifika u jirrimedja konflitti ta' interess li jirriżultaw fit-twettiq ta' proċeduri tal-għoti ta' konċessjoni sabiex tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni u tkun żgurata t-trasparenza fil-proċedura tal-għoti u t-trattament ugwali għall-kandidati u l-offerenti kollha:

Iżda fir-rigward tal-konflitti ta' interess il-miżuri adottati m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ sabiex jipprevjenu konflitt ta' interess potenzjali jew jeliminaw konflitt ta' interess identifikat.

Talba għal informazzjoni.

15. Id-Direttur ikollu s-setgħa li jitlob xi informazzjoni u dokumentazzjoni minn xi awtorità kontraenti jew entità li huwa jista' jqis xierqa fl-eżekuzzjoni tad-kompiti tiegħu.

L-Awtorità Kontraenti u Entità Kontraenti

Obbligi tal-awtorità kontraenti u entità kontraent.

16. (1) L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandu jkollhom id-dmir li:

(*a*) josservaw dawn ir-regolamenti;

(*b*) jiksbu l-kunsens minn qabel tad-Direttur bil-miktub qabel ma jippubblikaw dokument ta' konċessjoni;

(*ċ*) jippubblikaw konċessjonijiet permezz ta' pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern sakemm ma jkunx approvat mod ieħor bil-miktub mid-Direttur:

Iżda meta d-Direttur japprova l-pubblikazzjoni tal-imsemmi dokument ta' konċessjonijiet permezz ta' mezzi oħra għajr il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku, l-awtorità kontraenti u l-entità kontraent għandha tirreklama l-pubblikazzjoni u l-għoti tal-konċessjoni inkwistjoni fil-Gazzetta;

(*d*) jamministraw il-proċess li jwassal sal-għoti tal-kuntratt ta' konċessjoni;

(*e*) jiftħu offerti fil-pubbliku;

(*f*) jippubblikaw l-ismijiet tal-offerenti u fejn applikabbli kwalunkwe prezz ikkwotat, jew permezz ta' pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern jew fuq in-*notice board* fil-bini tal-awtorità kontraenti u l-entità kontraenti;

(*g*) jiffirmaw, skont il-każ, il-kuntratt mal-offerent li ġie irrakkomonadat għal-għoti;

(*h*) iwettqu monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' akkwist, il-kuntratt li jirriżulta u r-relazzjoni kuntrattwali inkluż kull maħfra jew impożizzjoni ta' pieni;

(*i*) jiżguraw li fil-prestazzjoni ta' kuntratti ta' konċessjoni, l-operaturi ekonomiċi u s-subkuntratturi tagħhom jkunu konformi mal-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali, ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali ambjentali, soċjali u tax-xogħol elenkati fl-Iskeda 12;

(*j*) iħallsu xi pagamenti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-kuntratt;

(*k*) jibgħatu kopja tal-kuntratti lid-Direttur fi żmien jumejn ta' xogħol mid-data li dawn ġew iffirmati;

(*l*) jibdew u jiddefendu kull proċediment ġudizzjarju jew ta' arbitraġġ li jista' jkun meħtieġ fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt li għandu jiġi ffirmat jew li ġie iffirmat minnhom;

(*m*) jinnotifikaw, lill-Kummissjoni jekk il-Kummissjoni hekk titlob, t-tagħrif li ġej rigward l-applikazzjoni tar-regolamenti 18, 19 u 21:

(i) l-ismijiet tal-impriżi jew l-impriżi konġunti konċernati;

(ii) in-natura u l-valur tal-konċessjonijiet involuti;

(iii) provi meqjusa bħala meħtieġa mill-Kummissjoni, li juru li r-relazzjoni bejn l-impriża jew l-impriża konġunta li ngħatat il-konċessjonijiet u l-entità kontraenti tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regolamenti 17 sa 21.

(2) Fit-trasmissjoni tat-talba għall-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur kif stabbilit fis-subregolment (1)(b), l-awtorità kontraenti u l-entità kontraenti għandha tinkudi dan li ġej:

(*a*) kopja tad-dokument propost ta' konċessjonijiet;

(*b*) fejn il-proċess ikun maqsum f'ħafna stadji, kopja tad-dokument ta' konċessjonijiet li tkun ser tintuża matul il-proċess; u

(*ċ*) lista ta' persuni li se jkunu involuti fil-proċess.

(3) Meta entità kontraenti jew entità kontraenti ma tkunx elenkata taħt kwalunkwe skeda, hija jkollha l-istess obbligi bħal dawk ta' awtorità elenkata fl-Iskeda 1.

Impriża affiljata.

17. Għall-finjiet tar-regolamenti 18 sa 20 "impriża affiljata" tfisser tfisser kwalunkwe impriza li l-kontijiet annwali tagħha huma konsolidati ma' dawk tal-entità kontraenti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2013/34/UE.

Impriżi assoċjati li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/34/UE.

18. (1) Fil-każ ta' entitajiet, li mhumiex soġġetti għad-Direttiva 2013/34/UE, "impriża affiljata" għandha tfisser kwalunkwe impriża li:

(*a*) tista' tkun, direttament jew indirettament, soġġetta għal influwenza dominanti mill-entità kontraenti;

(*b*) tista' teżerċita influwenza dominanti fuq l-entità kontraenti; jew

(*ċ*) bħall-entità kontraenti, hija soġġetta għall-influwenza dominanti ta' impriża oħra permezz ta' sjieda, parteċipazzjoni finanzjarja jew ir-regoli li jirregolawha.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), "influwenza dominanti" għandu jkollha l-istess tifsira fir-regolament 2(3).

Nuqqas ta' applikabbiltà ta' konċessjonijiet mogħtija lil impriżi assoċjati u impriżi konġunti.

19. Minkejja d-dispożizzzjonijet tar-regolament 22 u dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet fir-regolament 20, dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal konċessjonijiet mogħtija:

(*a*) minn entità kontraenti lil impriża affiljata; jew

(*b*) minn impriża konġunta, iffurmata esklużivament minn għadd ta' entitajiet kontraenti għall-fini li twettaq attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 4, lil impriża li hija affiljata ma' waħda minn dawk l-entitajiet kontraenti.

Limitazzjoni fuq nuqqas ta' applikabbiltà lil impriżi assoċjati u impriżi konġunti.

20. (1) Id-dispożizzzjonijet tar-regolament 19 għandhom japplikaw lil:

(*a*) konċessjonijiet ta' servizzi dment li tal-inqas tmenin fil-mija tal-fatturat totali medju tal-impriża affiljata matul it-tliet snin preċedenti, b'kont meħud tas-servizzi kollha pprovduti minn dik l-impriża, ikun ġej mill-forniment ta' servizzi lill-entità kontraenti jew impriżi oħra li hija affiljata magħhom;

(*b*) konċessjonijiet ta' xogħol dment li tal-inqas tmenin fil-mija tal-fatturat totali medju tal-impriża affiljata, matul it-tliet snin preċedenti b'kont meħud tax-xogħol kollu pprovdut minn dik l-impriża, ikun ġej mill-forniment ta' xogħol lill-entità kontraenti jew impriżi oħra li hija affiljata magħhom.

(2) Meta, minħabba d-data li fiha nħolqot l-impriża affiljata jew

meta bdiet l-attivitajiet, il-fatturat ma jkunx disponibbli għat-tliet snin ta' qabel, ikun biżżejjed li dik l-impriża turi li l-fatturat imsemmi fis-subregolament (1)(*a*) jew (*b*), ikun kredibbli, b'mod partikolari permezz ta' projezzjonijiet kummerċjali.

(3) Fejn aktar minn impriża waħda affiljati mal-entità kontraenti, li magħha jifformaw grupp ekonomiku, tipprovdi l-istess servizzi jew xogħlijiet, jew simili, il-perċentwali msemmija fis-subregolament (1) għandhom jiġu kkalkolati billi jitqies il-fatturat totali li jkun ġej mill-forniment tas-servizzi jew tax-xogħlijiet rispettivament minn dawk l-impriżi affiljati.

Impriżi konġunti

Konċessjonijiet mogħtija lil impriża konġunta jew lil entità kontraenti li tagħmel parti minn impriża konġunta

21. Minkejja d-dispożizzzjonijet tar-regolament 22, jekk l-impriża konġunta tkun twaqqfet sabiex twettaq l-attività konċernata fuq perijodu ta' mill-anqas tliet snin u li l-istrument li jwaqqaf l-impriża konġunta jistipula li l-entitajiet kontraenti, li jifformawha, ser jibqgħu parti minnha għal mill-inqas l-istess perijodu dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal konċessjonijiet mogħtija minn kwalunkwe minn dawn:

(*a*) impriża konġunta, iffurmata esklussivament minn għadd ta' entitajiet kontraenti bil-għan li twettaq attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 4, għal waħda minn dawn l-entitajiet kontraenti, jew

(*b*) entità kontraenti lil tali impriża konġunta li tifforma parti minnha.

Konċessjonijiet bejn Entitajiet fis-Settur Pubbliku

Konċessjonijiet bejn entitajiet fis-settur pubbliku.

22. (1) Konċessjoni mogħtija minn awtorità kontraenti jew minn entità kontraenti kif imsemmi fir-regolament 2(2)(a) lil persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat jew pubbliku għandhom jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(*a*) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti teżerċita kontroll fuq il-persuna ġuridika kkonċernata li huwa simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess;

(*b*) aktar minn tmenin fil-mija tal-attivitajiet tal-persuna ġuridika kkontrollata jitwettqu fil-prestazzjoni tal-kompiti fdati lilha mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ta' kontroll jew minn persuni ġuridiċi oħra kkontrollati minn dik l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti; u

(*ċ*) m'hemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika kkontrollata bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhomx dritt ta' kontroll jew ta' mblokkar, meħtieġa minn dispożizzjonijet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċiżiva fuq il-persuna ġuridika kkontrollata.

(2) Awtorità kontraenti jew entità kontraenti kif imsemmija fir-regolament 2(2)(a) għandha titqies li teżerċita kontroll fuq persuna ġuridika li huwa simili għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess skont is-subregolament(1)(*a*) meta din teżerċita

influwenza deċiżiva fuq iż-żewġ oġġettivi strateġiċi u deċiżjonijiet sinifikanti tal-persuna ġuridika kkontrollata. Dak il-kontroll jista' jkun ukoll eżerċitat minn persuna ġuridika oħra, li hija stess tkun ikkontrollata bl-istess mod mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) japplika wkoll meta persuna ġuridika kkontrollata li hija awtorità kontraenti jew entità kontraenti kif imsemmija fir-regolament 2(2)(*a*) tagħti konċessjoni lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ta' kontroll tagħha, jew lil persuna ġuridika oħra kkontrollata mill-istess awtorità kontraenti jew entità kontraenti, dment li ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika li tkun qed tingħata l-konċessjoni bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhomx dritt ta' kontroll jew ta' mblokkar, meħtieġa minn dispożizzjonijet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċiżiva fuq il-persuna ġuridika kkontrollata.

Ċirkostanzi fejn awtorità kontraenti jew entità kontraenti tista' tagħti offerta lil korp regolat mil-liġi pubblika li fuqu ma teżerċitax kontroll.

23. (1) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti kif imsemmi fir-regolament 2(2)(*a*), li ma teżerċitax kontrol fuq persuna ġuridika irregolat mil-liġi privata jew pubblika fis-sens tar-regolament 22, tista' madankollu tagħti konċessjoni lil dik il-persuna ġuridika mingħajr ma tapplika dawn ir-regolamenti meta l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti li:

(*a*) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti kif imsemmi fir-regolament 2(2)(*a*) teżerċita kontroll konġunt ma' awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti oħra fuq dik il-persuna ġuridika li huwa simili għal dak li huma jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess;

(*b*) aktar minn tmenin fil-mija tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika jitwettqu fil-prestazzjoni tal-kompiti fdati lilha mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti ta' kontroll jew minn persuni ġuridiċi oħra kkontrollati mill-istess awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti; u

(*ċ*) m'hemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika kkontrollata bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkollhomx dritt ta' kontroll jew ta' mblokkar, meħtieġa minn dispożizzjonijet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċiżiva fuq il-persuna ġuridika kkontrollata.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1)(*a*), awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti kif imsemmi fir-regolament 2(2)(*a*) jeżerċitaw kontroll konġunt fuq persuna ġuridika fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(*a*) il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-persuna ġuridika kkontrollata huma magħmulin minn rappreżentanti tal-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti parteċipanti kollha. Rappreżentanti individwali jistgħu jirrappreżentaw l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti parteċipanti kollha, jew diversi minnhom;

(*b*) dawk l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti huma kapaċi jeżerċitaw konġuntament influwenza deċiżiva fuq l-għanijiet strateġiċi u d-deċiżjonijiet importanti tal-persuna ġuridika kkontrollata; u

(*ċ*) l-entità ġuridika kkontrollata ma jkollha l-ebda interessi li jmorru kontra dawk tal-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti ta' kontroll.

Kuntratti konklużi b'mod esklużiv bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar jew entitajiet kontraenti.

24. Kuntratt konkluż esklużivament bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti jew aktar kif imsemmi fil-fir-regolament 2(2)(*a*) ma jaqax fl-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fejn ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) il-kuntratt jistabbilixxi jew jimplimenta kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti parteċipanti bl-għan li jiġi żgurat li s-servizzi pubbliċi li huma għandhom iwettqu jkunu pprovduti bil-ħsieb li jiksbu l-għanijiet li għandhom komuni;

(*b*) l-implimentazzjoni ta' dik il-kooperazzjoni hi rregolata unikament minn konsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-interess pubbliku; u

(*ċ*) l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti parteċipanti jwettqu inqas minn għoxrin fil-mija tal-attivitajiet li jirrigwardaw il-kooperazzjoni;

Determinazzjoni tal-perċentwal ta' attivitajiet.

25. (1) Sabiex jiġi ddeterminat il-perċentwal tal-attivitajiet imsemmija fir-regolamenti 22(1)(*b*), 23(1)(*b*) u 24(*ċ*), għandu jiġi kkunsidrat il-fatturat totali medju jew miżura bbażata fuq attività alternattiva adatta bħall-ispejjeż imġarrba mill-persuna ġuridika rilevanti, mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti kif imsemmi fir-regolament 2(2)(*a*) fir-rigward tas-servizzi, il-provvisti u x-xogħlijiet għat-tliet snin qabel l-għoti ta' konċessjoni.

(2) Fejn, minħabba d-data li fiha nħolqot dik il-persuna ġuridika, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti jew ta' meta bdew l-attivitajiet tagħha jew minħabba riorganizzazzjoni tal-attivitajiet tagħha, il-fatturat, jew miżura bbażata fuq attività alternattiva bħall-ispejjeż, mhijiex disponibbli għat-tliet snin preċedenti jew ma għadhiex rilevanti, għandu jkun biżżejjed li jintwera li l-kejl tal-attività huwa kredibbli, b'mod partikolari permezz ta' projezzjonijiet tan-negozju.

Kuntratti Mħallta

Kuntratti mħallta.

26. Konċessjonijiet li għandhom bħala s-suġġett tagħhom kemm xogħlijiet kif ukoll servizzi għandhom jingħataw f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għat-tip ta' konċessjoni li jikkaretterizza s-suġġett prinċipali tal-kuntratt inkwistjoni.

Konċessjonijiet imħallta li jikkonsistu parzjalment minn servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra .

27. Fil-każ ta' konċessjonijiet imħallta li jikkonsistu parzjalment minn servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra elenkati fl-Iskeda 6 u parzjalment minn servizzi oħra, is-suġġett prinċipali għandu jkun iddeterminat skont liema mill-valuri stmati tas-servizzi rispettivi jkun ogħla.

Kuntratti mħallta koperti bl-Artikolu 346 tat-TFUE, jew bl-L.S. 601.07 jew b'dawn ir-regolamenti.
L.S. 601.07

28. Fejn parti minn kuntratt partikolari tkun koperta bl-Artikolu 346 tat-TFUE jew bir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, jew b'dawn ir-regolamenti, għandu japplika r-regolament 33 ta' dawn ir-regolamenti.

Kuntratti intiżi jkokpru diversi attivitajiet.
L.S. 601.05

29. Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru diversi attivitajiet, li waħda minnhom tkun soġġetta jew għall-Iskeda 4 ta' dawn ir-regolamenti jew tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, id-dispożizzjonijiet applikabbli għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mar-regolament 34 ta' dawn ir-regolamenti u r-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, rispettivament.

Regolamenti applikabbli dwar il-kuntratti li jinkludu partijiet li huma oġġettivament separabbli u oħrajn li jinkludu partijiet li mhumiex ġġettivament separabbli.

30. Fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari jkunu oġġettivament separabbli, id-dispożizzjonijet tar-regolament 31 għandhom japplikaw. Fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari ma jkunux oġġettivament separabbli, id-dispożizzjonijet tar-regolament 32 għandhom japplikaw.

Kuntratti li għandhom bħala s-suġġett tagħhom elementi koperti minn dawn ir-regolamenti kif ukoll elementi oħra.

31. (1) Fil-każ ta' kuntratti li għandhom bħala s-suġġett tagħhom elementi koperti minn dawn ir-regolamenti kif ukoll elementi oħra, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati, id-deċiżjoni dwar liema sistema legali għandha tapplika għal kwalunkwe wieħed minn dawn il-kuntratti separati, għandha tittieħed fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-parti separata kkonċernata.

(2) Fejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt waħdieni, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw, dment li mhux previst mod ieħor fis-subregolament (3) jew fir-regolament 33, għall-kuntratt imħallat li jirriżulta, irrispettivament mill-valur tal-partijiet li b'mod ieħor kienu jaqgħu taħt sistema legali differenti u irrispettivament minn liema sistema legali dawk il-partijiet kienu b'mod ieħor ikunu soġġetti għaliha.

L.S. 601.03
L.S. 601.05

(3) Fil-każ ta' kuntratti mħallta li fihom elementi ta' konċessjonijiet kif ukoll elementi ta' kuntratti pubbliċi koperti mir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, jew kuntratti koperti bir-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, il-kuntratt imħallat għandu jingħata f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, jew ir-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, rispettivament.

Regolamenti dwar kuntratti li jinkludu partijiet differenti li mhumiex oġġettivament separabbli.

32. (1) Meta l-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari m'humiex oġġettivament separabbli, is-sistema legali applikabbli għandha tkun iddeterminata abbażi tas-suġġett prinċipali ta' dak il-kuntratt.

(2) Fil-każ li l-kuntratti identifikati fis-subregolament (1) jinvolvu kemm elementi ta' konċessjoni ta' servizzi kif ukoll ta' kuntratt ta' provvista, is-suġġett prinċipali għandu jiġi ddeterminat skont liema mill-valuri stmati tas-servizzi jew tal-provvisti rispettivi jkun l-ogħla.

Akkwist ta' kuntratti mħallta li jinvolvu aspetti ta'difiża u sigurtà. L.S. 601.07

33. (1) Fil-każ ta' kuntratti mħallta li għandhom bħala s-suġġett tagħhom elementi ta' konċessjoni koperta minn dawn ir-regolamenti u akkwist jew elementi oħra koperti mill-Artikolu 346 tat-TFUE jew mir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, dan ir-regolament għandu japplika.

(2) Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru diversi attivitajiet, li waħda minnhom tkun soġġetta jew għall-Iskeda 4 ta' dawn ir-regolamenti jew għar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, u attività oħra tkun koperta mill-Artikolu 346 tat-TFUE jew mir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, id-dispożizzjonijiet applikabbli għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mar-regolament 35 ta' dawn ir-regolamenti u r-regolament 20 tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, rispettivament.

L.S. 601.05

L.S. 601.07

(3) Fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari jkunu oġġettivament separabbli, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati lill-partijiet separati jew li jagħtu kuntratt waħdieni.

(4) Fejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati, id-deċiżjoni dwar ir-reġim legali applikabbli għal xi wieħed minn dawk il-kuntratti separati għandha tittieħed abbażi tal-karatteristiċi tal-parti separata konċernata.

(5) Fejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt waħdieni, għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin biex tiġi ddeterminata s-sistema legali applikabbli:

(*a*) fejn parti minn kuntratt partikolari tkun koperta mill-Artikolu 346 tat-TFUE, jew partijiet differenti jkunu koperti mill-Artikolu 346 tat-TFUE u r-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà rispettivament, il-kuntratt għandu jingħata mingħajr ma jiġu applikati dawn ir-regolamenti, dment li l-għoti ta' kuntratt waħdieni jkun iġġustifikat għal raġunijiet oġġettivi;

L.S. 601.07

(*b*) fejn parti minn kuntratt partikolari tkun koperta mir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, il-kuntratt jista' jingħata f'konformità ma' dawn ir-regolamenti jew f'konformità mar-

L.S. 601.07

Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, dment li l-għoti ta' kuntratt waħdieni jkun iġġustifikat għal raġunijiet oġġettivi.

Iżda Id-deċiżjoni li jingħata kuntratt waħdieni ma għandhiex, madankollu, tittieħed biex teskludi kuntratti mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. L.S. 601.07

(6) Fejn l-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari m'humiex separabbli oġġettivament, il-kuntratt jista' jingħata mingħajr l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fejn huwa jinkludi elementi li għalihom japplika l-Artikolu 346 TFUE. Inkella l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' tagħżel li tagħti kuntratt f'konformità ma' dawn ir-regolamenti jew f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. L.S. 601.07

34. (1) B'deroga mir-regolamenti 20 sa 26, fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru diversi attivitajiet, l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għall-finijiet ta' kull attività separata jew li jagħtu kuntratt waħdieni. Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt separat, id-deċiżjoni dwar liema regoli għandhom japplikaw għal kwalunkwe wieħed minn dawn il-kuntratti separati, għandha tittieħed fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-attività separata kkonċernata. Kuntratti li jkopru ż-żewġ attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 2 u attivitajiet oħra.

(2) Minkejja d-dispożizzzjonijet tar-regolamenti 26 sa 32, fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt waħdieni, għandhom japplikaw is-subregolamenti (4) u (5). Madankollu, fejn waħda mill-attivitajiet ikkonċernati tkun koperta mill-Artikolu 346 TFUE jew mir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, għandu japplika r-regolament 35 ta' dawn ir-regolamenti. L.S. 601.07

(3) L-għażla bejn l-għoti ta' kuntratt waħdieni jew l-għoti ta' għadd ta' kuntratti separati m'għandhiex issir bl-għan li jiġi eskluż il-kuntratt jew il-kuntratti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, fejn applikabbli, mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u, jew ir-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali. L.S. 601.03 L.S. 601.05

(4) Kuntratt li huwa maħsub li jkorpi diversi attivitajiet għandu jkun soġġett għar-regoli applikabbli għall-attività li għaliha huwa jkun maħsub prinċipalment.

(5) Fil-każ ta' kuntratti li għalihom ikun oġġettivament impossibbli li jiġi ddeterminat għal liema attività huwa jkun maħsub prinċipalment, ir-regoli applikabbli għandhom jiġu ddeterminati skont dan li ġej:

(*a*) il-konċessjoni għandha tingħata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti applikabbli għal konċessjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kontraenti, jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha l-kuntratt ikun maħsub tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti applikabbli għal konċessjonijiet mogħtija minn awtoritajiet

kontraenti u l-attività l-oħra tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti applikabbli għal konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti;

L.S. 601.03

(*b*) il-kuntratt għandu jingħata f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha hu maħsub il-kuntratt tkun soġġetta għal dawn ir-regolamenti u l-oħra għar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku;

(*ċ*) il-kuntratt għandu jingħata f'konformità ma' dawn ir-regolamenti, jekk waħda mill-attivitajiet li għaliha huwa maħsub il-kuntratt hija soġġetta għal dawn ir-regolamenti u l-oħra m'hi soġġetta la għal dan ir-regolament, la għar-

L.S. 601.03
L.S. 601.05

Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u lanqas għar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali.

Konċessjonijiet li jkopru kemm attivitajiet imsemmija fl-Iskeda 2 kif ukoll attivitajiet li jinvolvu aspetti ta' difiża jew sigurtà.

35. (1) Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru diversi attivitajiet, l-entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għall-finijiet ta' kull attività separata jew li jagħtu kuntratt waħdieni. Fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt separat, id-deċiżjoni dwar liema regoli għandhom japplikaw għal kwalunkwe wieħed minn dawn il-kuntratti separati, għandha tittieħed fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-attività separata kkonċernata.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 33, fejn l-entitajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt waħdieni, għandhom japplikaw is-subregolamenti (4), (5) u (6).

(3) L-għażla bejn l-għoti ta' kuntratt waħdieni jew l-għoti ta' għadd ta' kuntratti separati m'għandhiex madankollu ssir bl-għan li jiġi eskluż il-kuntratt jew il-kuntratti mill-kamp ta' applikazzjoni kemm ta' dan ir-

L.S. 601.07

regolament jew ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà.

(4) Fil-każ ta' kuntratti maħsubin biex ikopru attività li hija soġġetta għal dawn ir-regolamenti u oħra li tkun -

(*a*) koperta bl-Artikolu 346 tat-TFUE; jew

L.S. 601.07

(*b*) soġġetta għar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà,

l-entità kontraenti tista':

(i) tagħti kuntratt mingħajr ma jiġu applikati dawn ir-regolamenti fil-każijiet imniżżlin fil-paragrafu (*a*); jew

L.S. 601.07

(ii) tagħti kuntratti jew skont dawn ir-regolamenti jew skont ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, fil-każijiet imniżżlin taħt il-paragrafu (*b*):

Iżda dan is-subparagrafu hu mingħajr ħsara għal limiti u esklużjonijiet provduti bir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. L.S. 601.07

(5) Kuntratti, kif imsemmija fis-subregolament (4)(*b*), li jinkludu wkoll akkwist jew elementi oħra li huma koperti bl-Artikolu 346 tat-TFUE, jistgħu jingħataw mingħajr ma jiġu applikati dawn ir-regolamenti.

(6) Madankollu, l-applikazzjoni tas-subregolamenti (4) u (5) hija bil-kundizzjoni li l-għoti ta' kuntratt waħdieni jkun iġġustifikat għal raġunijiet oġġettivi u d-deċiżjoni li jingħata kuntratt waħdieni ma titteħidx għall-fini li kuntratt jiġi eskluż mill-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Kumitat Speċjali tal-Kuntratti u Kumitat ta' Evalwazzjoni

36. Id-Direttur jista', għal konċessjoni partikolari, jaħtar Kumitat Speċjali tal-Kuntratti fuq dawk it-termini u l-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fl-ittra tal-ħatra tagħhom. Kumitat Speċjali tal-Kuntratti.

37. (1) Il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti jista' jkun magħmul minn chairman, flimkien ma' mhux inqas minn erbgħa membri u mhux aktar minn għaxar membri li li jidhru li jkollhom il-kwalifiki jew l-esperjenza rilevanti. Għamla tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti.

(2) Il-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali jistgħu jinħatru biex iservu bħala membri tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti.

(3) Il-membri tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti għandhom jinħatru għat-tul tal-proċess ta' aġġudikazzjoni ta' sejħa għal offerti partikulari, sakemm tingħata l-offerta jew inkella sakemm l-għoti tal-kuntratt pubbliku jkun irtirat.

38. Kull membru tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti jista', matul iż-żmien li jkun qed jokkupa l-kariga, jitneħħa mid-Direttur jekk huwa jkun sodisfatt li kien hemm każ ċar ta' mġieba ħażina minn dak il-membru jew li dak il-membru ma jkunx kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tiegħu jew meta jkunu jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi li kieku kienu jiskwalifikaw lil dak il-membru milli jibqa' membru: Tneħħija.

Iżda, jekk ic-*chairman* tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti ikun id-Direttur, id-Direttur jista' jitneħħa mill-Ministru.

39. Persuna tiġi skwalifikata milli tinħatar u milli tibqa' membru tal-Kumitat jekk hi: Skwalifika.

(*a*) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati, jew tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali;

(*b*) għandha dak l-interess finanzjarju jew interess ieħor li x'aktarx jippreġudika l-qadi ta' dmirijietha bħala membru tal-Kumitati tal-Kuntratti;

(*ċ*) hija legalment inabilitata jew interdetta;

(*d*) ġiet iddikjarata falluta jew tkun għamlet

kompożizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

(*e*) tkun instabet ħatja ta' reat li jolqot il-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew li tkun xjentement irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew frodi.

Riżenja.

40. Membru ta' xi wieħed minn dawn il-kumitati jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu b'ittra indirizzata lid-Direttur.

Dikjarazzjoni li membru jkollu kunflitt ta' interess.

41. Membru tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti li jkollu xi interess dirett jew indirett f'kwalunkwe kuntratt ittrattat minn dak il-kumitat għandu jiżvela n-natura tal-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti; dan l-iżvelar għandu jitniżżel fil-minuti tal-laqgħa tal-kumitat u l-membru li jkollu l-interess imsemmi qabel għandu jirtira minn kwalunkwe laqgħa fejn ikun qed jiġi diskuss dak il-kuntratt.

Segretarji.

42. Id-Direttur jista' wkoll jaħtar persuni minn fost il-persunal tad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jaġixxu bħala segretarji ta' dawn il-kumitati. Is-segretarji ma jkunux membri ta' dawn il-kumitati u ma jistgħux jivvutaw.

Laqgħat.

43. Il-laqgħat tal-Kumitati Speċjali tal-Kuntratti għandhom jissejħu miċ-*chairman* li jkun ser jippresjedi dawk il-laqgħat. Il-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti jagħmlu *quorum* f'laqgħa ta' dak il-Kumitat

Modus operandi.

44. Barra minn dak li huwa ddikjarat f'dawn ir-regolamenti, il-Kumitati Speċjali tal-Kuntratti stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti għandhom jirregolaw il-proċeduri tagħhom stess.

Deċiżjonijiet.

45. Deċiżjonijiet tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti għandhom preferebbilment jittieħdu fuq bażi ta' unanimità. Iżda, id-deċiżjonijiet maġġoritarji li jittieħdu jkunu finali u konklużivi dwar l-għoti tal-kuntratt. Iċ-chairman għandu fil-każ ta' voti ndaqs, ikollu vot deċiżiv.

Rwol.

46. Il-Kumitati Speċjali tal-Kuntratti għandhom:

(*a*) jagħtu pariri fuq kull ħaġa li tirrigwarda l-konċessjonijiet ta' servizzi u xogħlijiet, jew b'inizjattiva tagħhom jew fuq materji speċifiċi li jirrigwardaw il-funzjonijiet tagħhom li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu riferiti lilhom għall-parir tagħhom;

(*b*) jiftħu offerti f'sessjoni pubblika;

(*ċ*) jivvalutaw rapporti u rakkomandazzjonijiet li jiġu preżentati minn kumitati ta' evalwazzjoni u jagħmlu rakkomandazzjonijiet definittivi lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti għall-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi li jiżguraw li jinkiseb l-aħjar valur għall-flus bl-iktar nefqa baxxa possibbli. F'dan ir-rigward, għandhom debitament jitqiesu -

(i) in-nefqa finali inklużi l-ispejjeż tal-finanzjament

għall-awtorità kontraenti jew għall-entità kontraenti, u

(ii) l-impatt ta' kull offerta fuq in-nefqa rikorrenti ta' awtorità kontraenti u ta' entità kontraenti;

(*d*) jirrapportaw kull irregolarità li jistgħu jsiru jafu biha jew li tista' tinkixef fil-proċess tal-offerti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwarhom lill-Ministru li jkun responsabbli mill-awtorità kontraenti u mill-entità kontraenti inkwistjoni.

Pubblikazzjoni ta' offerti.

47. Il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti għandu, fejn applikabbli, jippubblika lista tal-offerti riċevuti, flimkien mal-prezzijiet rispettivi, liema lista għandha tingħata pubbliċità mid-Direttur minnufih wara li jiġu miftuħa u skedati.

Kumitat ta' Evalwazzjoni.

48. (1) Għandu jkun hemm Kumitat ta' Evalwazzjoni magħmul minn mill-inqas ħames membri li tnejn minnhom ikunu ċ-*chairman* u s-segretarja. Fi kwalunkwe każ l-għadd ta' membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jkun numru bil-fard.

(2) Il-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandhom jiġu approvati mid-Direttur wara rakkomandazzjoni mill-kap tal-awtorità kontraenti u tal-entità kontraenti konċernata.

(3) Ir-regolamenti 38 sa 41 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

Votazzjoni.

49. Iċ-*chairman* u s-segretarju m'għandux ikollhom ebda setgħa ta' votazzjoni.

Appoġġ speċjalizzat.

50. (1) Meta ċ-*chairman* jemmen li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ikollu bżonn appoġġ speċjalizzat, huwa għandu jibgħat talba lill-kap tal-awtorità kontraenti u tal-entità kontraenti li jkun għamel ir-rakkomandazzjoni skont ir-regolament 48(2).

(2) Il-kap tal-awtorità kontraenti għandu joffri l-appoġġ fl-iqsar żmien possibbli.

Rwol tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

51. (1) Ir-rwol tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jkun dak ta' evalwazzjoni u dak li jittrattaw mal-preżentazzjonijiet magħmula minn kandidat jew minn offerent kif stabbilit fid-dokumentazzjoni tal-konċessjoni u għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti jew lill-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti skont il-każ.

(2) Kopja tar-rakkomandazzjoni għandha tintbagħat lid-Direttur fi żmien raġonevoli qabel il-pubblikazzjoni tagħha.

Bordijiet u Tribunali

Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u t-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali.

52. (1) Il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u t-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali kif stabbilit taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar Kuntratti Pubbliċi, għandhom jitqiesu awtoritajiet kompetenti biex jittrattaw ma' kwistjonijet u tilwim li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti.

L.S. 601.03

(2) Ir-regolamenti 80 sa 99 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dawn ir-

regolamenti.

Metodi biex jiġi kkalkulat il-Valur Stmat ta' Konċessjonijiet

Kalkolu tal-valur stmat tal-konċessjonijiet.

53. Il-valur ta' konċessjoni għandu jkun il-fatturat totali tal-konċessjonarju ġġenerat matul il-perjodu tal-kuntratt, mingħajr il-VAT, kif stmat mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti, b'kont meħud tax-xogħlijiet u s-servizzi li jkunu s-suġġett tal-konċessjoni, kif ukoll il-fornimenti inċidentali ta' tali xogħlijiet u servizzi.

Żmien meta stima tkun valida.

54. (1) L-istima għandha tkun valida f'dak il-mument li l-avviż tal-konċessjoni ikun intbagħat jew, fil-każ fejn dak l-avviż ma jkunx previst, f'dak il-mument li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tibda' l-proċedura tal-għoti tal-konċessjoni, pereżempju billi tagħmel kuntatt mal-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-konċessjonijiet.

(2) Id-determinazzjoni jekk konċessjoni taqbiżx l-limitu stabbilit fl-Iskeda 3 hija li jekk il-valur tal-konċessjoni ikun għoxrin fil-mija ogħla mill-valur stmat, l-istima valida imbagħad għandha tkun il-valur tal-konċessjoni fil-ħin tal-għoti.

Użu ta' metodu oġġettiv għall-kalkolu tal-valur stmat.

55. (1) Il-valur stmat tal-konċessjoni għandu jkun ikkalkulat bl-użu ta' metodu oġġettiv speċifikat fid-dokument ta' konċessjonijiet. Meta jkunu qegħdin jikkalkolaw il-valur stmat tal-konċessjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom, fejn applikabbli, iqisu b'mod partikolari:

(*a*) il-valur ta' kwalunkwe forma ta' opzjoni u kwalunkwe estensjoni tal-perjodu tal-konċessjoni;

(*b*) id-dħul minn ħlasijiet ta' tariffi u multi mill-utenti tax-xogħlijiet jew servizzi għajr dawk miġbura f'isem l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti;

(*ċ*) il-ħlasijiet jew kwalunkwe vantaġġ finanzjarju tkun xi tkun il-forma tagħhom magħmula mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti jew kwalunkwe awtorità pubblika oħra lill-konċessjonarju inkluż il-kumpens għall-konformità ma' obbligu ta' servizz pubbliku u sussidji ta' investiment pubbliku;

(*d*) il-valur ta' għotjiet jew ta' kwalunkwe vantaġġ finanzjarju ieħor tkun xi tkun il-forma tagħhom minn partijiet terzi għat-twettiq tal-konċessjoni;

(*e*) id-dħul mill-bejgħ ta' kwalunkwe assi li jagħmlu parti mill-konċessjoni;

(*f*) il-valur tal-provvisti u s-servizzi kollha li jkunu disponibbli lill-konċessjonarju mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti, sakemm ikunu neċessarji għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet jew l-għoti tas-servizzi;

(*g*) kwalunkwe premju jew ħlas lil kandidati jew offerenti.

(2) L-għażla tal-metodu użat għall-kalkolu tal-valur stmat ta' konċessjoni m'għandhiex issir bl-intenzjoni li tiġi eskluża mill-kamp ta' dawn ir-regolamenti. Konċessjoni m'għandhiex tkun subdiviża bl-effett li ma titħalliex taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, sakemm dan ma jkunx ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi.

Valur ta' konċessjoni meta x-xogħol jew s-servizz propost ikun maqsum fl-lottijiet.

56. (1) Meta xogħol jew servizz propost jista' jirriżulta f'konċessjonijiet jingħataw fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat ta' dawn il-lottijiet kollha.

(2) Meta l-konċessjoni tkun maqsuma f'lottijiet għandhom japplikaw dawn ir-regolamenti għall-għoti ta' kull lott.

Limiti.

57. Il-Ministru għandu, minn żmien għal żmien, jiddetermina l-limiti applikabbli taħt dawn ir-regolamenti. Dawn il-limiti huma riflessi fl-Iskeda 3.

L-Offerent/Kandidat

Operaturi Ekonomiċi stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

58. (1) L-operaturi ekonomiċi li, skont il-liġi tal-Istat Membru li huma stabbiliti fih, huma intitolati li jipprovdu s-servizz rilevanti, m'għandhomx jiġu rrifjutati unikament minħabba r-raġuni li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jingħata l-kuntratt, dawn meħtieġa jkunu jew persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi.

(2) Il-persuni ġuridiċi jistgħu jkunu meħtieġa jindikaw, fl-offerta jew fl-applikazzjoni, l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali rilevanti tal-persunal li għandu jkun responsabbli mill-prestazzjoni tal-kuntratt inkwistjoni.

(3) Il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi, inklużi assoċjazzjonijiet temporanji, jistgħu jipparteċipaw fi proċeduri tal-għoti ta' konċessjoni. Huma ma jistgħux jintalbu mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti biex ikollhom forma legali speċifika sabiex jippreżentaw offerta jew talba biex jipparteċipaw.

(4) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1), (2) u (3), l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu lill-gruppi ta' operaturi ekonomiċi li jassumu forma ġuridika speċifika ladarba jkunu ngħataw il-kuntratt, sa fejn dik il-bidla tkun meħtieġa għat-twettiq sodisfaċenti tal-kuntratt.

Regolamenti dwar kif gruppi ta' operaturi ekonomiċi jilħqu r-rekwiżiti.

59. (1) Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jikkjarifikaw fid-dokumenti tal-konċessjoni kif il-gruppi ta' operaturi ekonomiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti fir-rigward tal-istatus ekonomiku u finanzjarju jew tal-kapaċità teknika u professjonali msemmija fir-regolamenti 77 u 78 dment li dan ikun iġġustifikat b'raġunijiet oġġettivi u jkun proporzjonat.

(2) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu termini standard dwar kif gruppi ta' operaturi ekonomiċi għandhom japplikaw ir-rekwiżiti fis-subregolament (1). Kwalunkwe kundizzjoni għall-prestazzjoni ta' konċessjoni minn tali gruppi ta' operaturi ekonomiċi, li huma differenti minn dawk imposti fuq parteċipanti individwali, għandhom ukoll ikunu ġġustifikati b'raġunijiet oġġettivi u proporzjonati.

Prinċipju ta' trattament ugwali, nondiskriminazzjoni u trasparenza.

60. (1) L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw lill-operaturi ekonomiċi bl-istess mod u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonat.

(2) It-tfassil tal-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni, inkluż l-istima tal-valur, m'għandux isir bil-ħsieb li din tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew sabiex jagħti vantaġġ jew żvantaġġ mhux mistħoqq lil ċerti operaturi ekonomiċi jew ċerti

xogħlijiet, provvisti jew servizzi.

(3) L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jimmiraw li jiżguraw trasparenza fil-proċedura tal-għoti u fit-twettiq tal-kuntratt, filwaqt li jikkonformaw mar-regolamenti 64 u 65.

Taqsima II
Il-Proċess

Twaqqif tal-proċedura

Għażla ta' proċedura.

61. (1) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandu jkollha l-libertà li torganizza l-proċedura li twassal għall-għażla ta' konċessjonarju soġġett għal konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(2) It-tfassil tal-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni għandu jirrispetta l-prinċipji stabbiliti fir-regolament 60. B'mod partikolari matul il-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti m'għandhiex tipprovdi informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti lil xi kandidati jew offerenti vantaġġ fuq oħrajn.

Garanziji proċedurali.

62. (1) Il-konċessjonijiet għandhom jingħataw fuq il-bażi tal-kriterji tal-għotja stabbiliti mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti skont ir-regolament 79 dment li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-offerta tikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti, fejn applikabbli, mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti;

(*b*) l-offerent ikun konformi mal-kundizzjonijiet għal parteċipazzjoni kif imsemmija fir-regolament 77;

(*ċ*) l-offerent ma jkunx eskluż milli jipparteċipa fil-proċedura tal-għotja f'konformità mat-Taqsima VI tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku; u

L.S. 601.03

(*d*) l-offerent mhuwiex *black listed* skont it-Taqsima VI tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

L.S. 601.03

(2) Ir-rekwiżiti minimi msemmijin fis-subregolament (1)(*a*) għandhom jinkludu kundizzjonijiet u karatteristiċi (partikolarment tekniċi, fiżiċi, funzjonali u legali) li kwalunkwe sejħa għal offerti għandha tissodisfa jew ikollha.

Kunfidenzjalità.

63. (1) Sakemm ma jiġix previst mod ieħor f'dawn ir-regolamenti jew fid-dritt nazzjonali li għaliha l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun soġġetta, b'mod partikolari leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-aċċess għal informazzjoni, u mingħajr ħsara għall-obbligi relatati mar-reklamar ta' kuntratti ta' konċessjoni mogħtija u mal-informazzjoni għal kandidati u offerenti stabbiliti fir-regolamenti 80 u 96, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti m'għandhiex tiżvela informazzjoni mgħoddija lilha minn operaturi ekonomiċi li huma indikaw bħala kunfidenzjali, inklużi, iżda mhux limitati għal, sigrieti tekniċi jew kummerċjali u l-aspetti kunfidenzjali tal-offerti.

(2) Mingħajr ħsara għal dak imsemmi f'dawn ir-regolamenti, l-informazzjoni li ġejja m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala kunfidenzjali:

(*a*) l-isem tal-offerenti u l-ismijiet individwali tal-membri ta'

grupp ta' operaturi ekonomiċi li jkunu ppreżentaw offerta parikolari;

(*b*) l-isem tas-subkuntratturi;

(*ċ*) id-dokumentazzjoni ppreżentata operaturi ekonomiċi li tiċċertifika li dawn jikkonformaw mal-kriterji tal-għażla; u

(*d*) l-informazzjoni teknika li hija diġà pubblika.

Żvelar ta' informazzjoni mhux kunfidenzjali.

64. (1) Id-dispożizzzjonijet tar-regolament 63 m'għandhomx jipprevjenu l-iżvelar pubbliku ta' partijiet mhux kunfidenzjali ta' kuntratti konklużi, inkluż xi tibdil sussegwenti.

(2) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' timponi fuq operaturi ekonomiċi rekwiżiti immirati biex jipproteġu n-natura konfidenzjali ta' informazzjoni li hi tagħmel disponibbli matul il-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni.

Informazzjoni lill-offerenti dwar il-proċedura magħżula.

65. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tikkomunika deskrizzjoni tal-organizzazzjoni prevista tal-proċedura u skadenza indikattiva għat-tlestija lill-parteċipanti kollha. Kwalunkwe modifika għandha tiġi kkomunikata lill-parteċipanti kollha u, jekk il-modifika tkun tikkonċerna elementi żvelati fl-avviż tal-konċessjoni jew fil-Gazzetta, skont il-każ, hija għandha tiġi rreklamata lill-operaturi ekonomiċi kollha.

Reġistrazzjoni tal-istadji.

66. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tipprevedi reġistrazzjoni xierqa tal-istadji tal-proċedura bl-użu tal-mezzi li hija tqis li jkunu xierqa, soġġett għal konformità mar-regolamenti 63 u 64(1).

Negozjati.

67. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' tagħmel negozjati ma' kandidati u offerenti. Is-suġġett tal-konċessjoni, il-kriterji tal-għoti u r-rekwiżiti minimi ma ma għandhomx jinbidlu matul il-kors tan-negozjati.

Garanziji proċedurali għall-offerti b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-valur fl-Iskeda 3.

68. (1) Għall-offerti b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda 3, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tipprovdi:

(*a*) fl-avviż tal-konċessjoni, deskrizzjoni tal-konċessjoni u tal-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni;

(*b*) fl-istedina biex tiġi sottomessa offerta jew f'dokumenti oħra ta' konċessjoni, deskrizzjoni tal-kriterji tal-għoti u, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti minimi li jridu jintlaħqu.

(2) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' tillimita l-għadd ta' kandidati jew ta' offerenti għal livell xieraq bil-kundizzjoni li dan isir b'mod trasparenti u fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi. L-għadd ta' kandidati jew offerenti mistiedna għandu jkun biżżejjed biex tkun żgurata kompetizzjoni ġenwina.

Limiti ta' żmien għall-wasla ta' applikazzjonijiet u offerti għall-konċessjoni.

69. (1) Meta jistipulaw il-limiti ta' żmien għall-wasla ta' applikazzjonijiet jew ta' offerti, l-awtoritajiet jew l-entitajiet kontraenti għandhom jieħdu kont b'mod partikolari tal-kumplessità tal-konċessjoni u ż-żmien meħtieġ għat-tfassil tal-offerti jew tal-applikazzjonijiet mingħajr preġudizzju għal-limiti ta' żmien minimi stipulat f'dan ir-

regolament.

(2) Fejn l-applikazzjonijiet jew l-offerti jistgħu jsiru biss wara żjara fis-sit jew wara spezzjoni fejn jinsabu d-dokumenti li jsostnu d-dokumenti ta' għoti tal-konċessjoni, il-limiti ta' żmien għall-wasla tal-applikazzjonijiet għall-konċessjoni jew għall-wasla tal-offerti, għandhom jiġu ffissati sabiex l-operaturi ekonomiċi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jsiru konxji dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jipproduċu l-applikazzjonijiet jew l-offerti u, fi kwalunkwe eventwalità għandhom ikunu itwal mil-limiti ta' żmien minimi stabbiliti fis-subregolamenti (3) u (4).

(3) Il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tal-applikazzjonijiet irrispettivament minn jekk dawn jinkludux l-offerti għall-konċessjoni, għandu jkun tletin jum mid-data li fiha jkun intbagħat l-avviż għall-konċessjoni.

(4) Fejn il-proċedura sseħħ fi stadji suċċessivi l-limitu minimu ta' żmien biex jintlaqgħu l-offerti inizjali għandu jkun ta' tnejn u għoxrin jum mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerta.

(5) Il-limitu ta' żmien għall-wasla tal-offerti jista' jitnaqqas b'ħamest ijiem fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti taċċetta li l-offerti jistgħu jiġu ppreżentati b'mezzi elettroniċi f'konformità mad-dispożizzzjonijet tar-regolament 75.

Rekwiżiti tekniċi u funzjonali.

70. (1) Ir-rekwiżiti tekniċi u funzjonali għandhom jiddefinixxu l-karatteristiċi meħtieġa tax-xogħlijiet jew tas-servizzi li huma s-suġġett tal-konċessjoni, u dawn għandhom jiġu stabbiliti fid-dokument ta' konċessjonijiet.

(2) Dawk il-karatteristiċi jistgħu wkoll jirreferu għall-proċess speċifiku tal-produzzjoni jew tal-forniment tax-xogħlijiet jew is-servizzi mitluba dment li huma jkunu marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u proporzjonati għall-valur tiegħu u għall-objettivi tiegħu. Il-karatteristiċi jistgħu pereżempju jinkludu l-livelli ta' kwalità, il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali u klimatiċi, it-tfassil li jieħu kont tar-rekwiżiti kollha (inkluż aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà) u l-valutazzjoni tal-konformità, il-prestazzjoni, is-sikurezza jew id-dimensjonijiet, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi tal-ittestjar, l-immarkar u t-tikkettar, jew l-istruzzjonijiet għall-utent.

(3) Jekk ma jkunx iġġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt, ir-rekwiżiti tekniċi u funzjonali m'għandhomx jirreferu għal ditta jew sors speċifiku, jew għal proċess partikolari li jikkaratterizza l-prodotti jew is-servizzi fornuti minn operatur ekonomiku speċifiku, jew għal marki kummerċjali, privattivi, tipi jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu ffavoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti. Tali referenza għandha tkun permessa, fuq bażi eċċezzjonali, meta ma tkunx possibbli deskrizzjoni biżżejjed preċiża u intelliġibbli tas-suġġett tal-kuntratt. Tali referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti'.

(4) Awtorità kontraenti jew entità kontraenti m'għandhiex tiċħad offerta minħabba r-raġuni li x-xogħlijiet u s-servizzi offruti, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tekniċi u funzjonali li hi rreferiet għalihom, ladarba l-offerent juri bi kwalunkwe mezz xieraq li s-soluzzjonijiet li ppropona ssodisfaw b'mod ekwivalenti r-rekwiżiti tekniċi u funzjonali.

Użu tal- Kodiċi CPV.

71. Kwalunkwe referenza għan-nomenklaturi fil-kuntest ta' għoti ta' konċessjonijiet għandha ssir billi jintuża l-'Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi (CPV)' kif adottat mir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Tul ta' żmien tal-konċessjoni.

72. (1) It-tul ta' żmien tal-konċessjonijiet għandu jkun limitat.

(2) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tivvaluta t-tul ta' żmien abbażi tax-xogħlijiet jew is-servizzi mitluba.

Limitu fuq it-tul ta' konċessjoni.

73. (1) Għal konċessjonijiet li jdumu aktar minn ħames snin, il-tul ta' żmien massimu tal-konċessjoni m'għandux jeċċedi ż-żmien li konċessjonarju jista' jkun mistenni jieħu biex jiġbor l-investimenti mwettqa fl-operazzjonijiet tax-xogħlijiet jew tas-servizzi flimkien ma' redditu raġonevoli fuq il-kapital investit b'kont meħud tal-investimenti li jkunu meħtieġa jiksbu l-objettivi kuntrattwali speċifiċi.

(2) L-investimenti li jkunu kkunsidrati għall-finijiet tal-kalkolu għandhom jinkludu kemm l-investimenti inizjali kif ukoll dawk ta' matul il-ħajja tal-konċessjoni.

Konċessjonijiet riżervati.

74. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirriżervaw id-dritt li jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti ta' konċessjoni għal *workshops* protetti jew operaturi ekonomiċi li l-għan prinċipali tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni li għandhom diżabbiltà jew li huma żvantaġġati jew li jistgħu jipprovdu sabiex dawn il-konċessjonijiet jitwettqu fil-kuntest tal-programmi ta' impjiegi protetti, sakemm mill-inqas tletin fil-mija tal-impjegati ta' dawk il-*workshops*, l-operaturi ekonomiċi jew il-programmi ekonomiċi jkunu ħaddiema b'diżabilità jew żvantaġġati.

(2) Fil-każ ta' offerti b'valur stmat li jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda 3, l-avviż ta' konċessjoni jew, fil-każ ta' konċessjonijiet ta' servizzi kif imfissra fir-regolament 9(2), l-avviż ta' informazzjoni minn qabel għandu jagħmel referenza għal dan ir-regolament.

Metodi ta' komunikazzjoni.

75. (1) Il-konċessjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kontraenti għandhom jiġu ppubblikati permezz ta' pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern sakemm ma jkunx approvat bil-miktub mid-Direttur u kwalunkwe komunikazzjoni għandha titwettaq permezz tal-istess pjattaforma.

(2) Malli jiksbu l-awtorizzazzjoni tad-Direttur, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti jistgħu jagħżlu wieħed jew aktar mill-mezzi ta' komunikazzjoni li ġejjin għal komunikazzjoni kollha u bdil ta' informazzjoni:

(*a*) posta jew *fax*;

(*b*) komunikazzjoni bil-fomm, inkluż bit-telefon fir-rigward ta' komunikazzjoni li mhijiex l-elementi essenzjali ta' proċedura tal-għoti ta' konċessjoni, u sakemm il-kontenut tal-komunikazzjoni bil-fomm jiġi dokumentat b'mod suffiċjenti fuq mezz durabbli;

(*ċ*) twassil bl-idejn iċċertifikat b'konferma ta' rċevuta.

(3) Il-mezzi ta' komunikazzjoni magħżula għandhom ikunu ġeneralment disponibbli u mhux diskriminatorji, u m'għandhomx

jirristrinġu l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi għall-proċeduri tal-għoti tal-konċessjoni. L-għodod u t-tagħmir li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, għandhom ikunu interoperabbli mal-prodotti tat-teknoliġija ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni fl-użu ġenerali.

(4) F'kull komunikazzjoni, skambju u ħżin ta' informazzjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-integrità tad-data u l-kunfidenzjalità tal-applikazzjonijiet u tal-offerti jiġu ppreservati. Huma għandhom jeżaminaw il-kontenut tal-applikazzjonijiet u l-offerti meta l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tagħhom ikun skada u fl-ebda ħin ieħor.

Disponibbiltà elettronika ta' dokumenti ta' konċessjonijiet.

76. (1) L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom joffru b'mezzi elettroniċi aċċess sħiħ, dirett, mingħajr restrizzjonijiet u mingħajr ħlas għad-dokumenti ta' konċessjoni.

(2) Għal offerti b'valur stmat li jkun inqas mil-limiti stabbiliti fl-Iskeda 3, l-obbligu stipulat fis-subregolament għandu jibda' mid-data li fiha ġie ppubblikat id-dokument ta' konċessjoni.

(3) Għal offerti b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limiti stabbiliti fl-Iskeda 3, l-obbligu stabbilit fis-subregolament (1) għandu jibda' mid-data li fiha jiġi pubblikat l-avviż ta' konċessjoni jew, meta l-avviż ta' konċessjoni ma jkunx jinkludi l-istedina sabiex jiġu preżentati offerti, mid-data li fiha tkun intbagħtet l-istedina sabiex jiġu preżentati offerti. It-test tal-avviż tal-konċessjoni jew ta' dawn l-istediniet għandu jispeċifika l-indirizz tas-sit elettroniku li fuqu huma aċċessibbli d-dokumenti ta' konċessjonijiet.

(4) Fejn, f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, minħabba raġunijiet eċċezzjonali ta' sigurtà jew tekniċi jew minħabba li n-natura partikolarment sensittiva tal-informazzjoni kummerċjali tirrikjedi livell għoli ħafna ta' protezzjoni, l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għal ċerti dokumenti tal-konċessjoni ma jkunx jista' jiġi offrut, l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fl-avviż jew fl-istedina għall-preżentazzjoni ta' offerta, li d-dokumenti tal-konċessjoni kkonċernati ser jintbagħtu b'mezzi oħra li mhumiex mezzi elettroniċi u l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-offerti għandha tiġi estiża.

(5) Dment li jkunu ntalbu fi żmien tajjeb minn qabel, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jew id-dipartimenti kompetenti għandhom jipprovdu lill-applikanti jew lill-offerenti kollha li jipparteċipaw fil-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni informazzjoni addizzjonali relatata mad-dokumenti ta' konċessjoni mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel l-iskadenza ffissata għall-wasla tal-offerti.

Valutazzjoni kwalitattiva u Selezzjoni ta' Kandidati, Operaturi Ekonomiċi u Offerenti

Valutazzjoni kwalitattiva ta' kandidati, operaturi ekonomiċi u offerenti.

77. L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jivverifikaw il-kundizzjonijiet għal parteċipazzjoni relatati mal-kapaċità professjonali u teknika u l-istatus finanzjarju u ekonomiku tal-kandidati jew l-offerenti, abbażi ta' awtodikjarazzjonijiet, referenza jew referenzi li għandhom jiġu ppreżentati bħala prova f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-avviż tal-konċessjoni li għandhom ikunu nondiskriminatorji u proporzjonati għas-suġġett tal-konċessjoni. Il-

kundizzjonijiet għal parteċipazzjoni għandhom ikunu relatati u proporzjonati għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-kapaċità tal-konċessjonarju li jwettaq il-konċessjoni, b'kont meħud tas-suġġett tal-konċessjoni u l-fini li tiżgura kompetizzjoni ġenwina.

Dipendenza fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra.

78. (1) Bil-ħsieb li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni stabbiliti fir-regolament 77, operatur ekonomiku jista', fejn xieraq u għal konċessjoni partikolari, jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali tar-rabtiet tiegħu magħhom. Fejn operatur ekonomiku jixtieq joqgħod fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, huwa għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti li ser ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu, matul il-perijodu tal-konċessjoni, ir-riżorsi neċessarji, pereżempju, billi jipproduċi impenn minn dawk l-entitajiet għal dak l-għan. Fir-rigward tal-qagħda finanzjarja, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' tirrikjedi li l-operatur ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli konġuntament għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

(2) Taħt l-istess kundizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolamenti 58 u 59 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

Għoti ta' Kuntratt

Kriterji tal-għoti.

79. (1) Il-konċessjonijiet għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jkunu konformi mal-prinċipji stabbiliti fir-regolament 60 u li jiżguraw li offerti jiġu vvalutati f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva sabiex jiġi identifikat il-vantaġġ ekonomiku għall-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti

(2) Il-kriterji ta' għoti għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-konċessjoni, u m'għandhomx jikkonferixxu libertà tal-għażla mingħajr restrizzjonijiet lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti. Dawn jistgħu jinkludu, fost oħrajn, kriterji ambjentali, soċjali jew relatati mal-innovazzjoni.

(3) Dawk il-kriterji għandhom ikunu akkumpanjati minn rekwiżiti li jippermettu li tiġi vverifikata b'mod effettiv l-informazzjoni pprovduta mill-offerenti.

(4) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandhom jivverifikaw jekk l-offerti jissodisfawx b'mod adatt il-kriterji tal-għoti.

(5) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha telenka l-kriterji f'ordni dekrexxenti ta' importanza.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tirċievi offerta li tipproponi soluzzjoni innovattiva b'livell eċċezzjonali ta' prestazzjoni funzjonali li ma setgħetx tiġi prevista minn awtorità jew entità kontraenti diliġenti, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista', b'mod eċċezzjonali, timmodifika l-ordni ta' prevalenza tal-kriterji tal-għoti biex jittieħed kont ta' dik is-soluzzjoni innovativa. F'dak il-każ, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tinforma lill-offerenti kollha dwar il-modifika tal-ordni ta' prevalenza u għandha toħroġ stedina ġdida għall-preżentazzjoni ta' offerti, fir-rigward tal-limiti ta' żmien minimi msemmija fir-regolament 69(4).

(7) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament

(6) fejn il-kriterji tal-għoti jkunu ġew ippubblikati fil-ħin tal-pubblikazzjoni tal-avviż tal-konċessjoni, l-awtorità jew l-entità kontraenti għandha tippubblika konċessjoni ġdida, fir-rigward tal-limiti ta' żmien minimi msemmijin fir-regolament 69(3).

(8) Il-modifika fl-ordni ta' prevalenza m'għandhiex twassal għal diskriminazzjoni.

Għoti ta' informazzjoni lil kandidati.

80. (1) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha, mill-aktar fis possibbli, tinforma lil kull kandidat u offerent bid-deċiżjonijiet meħuda rigward l-għoti ta' konċessjoni, inkluż isem l-offerent magħżul, ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni jew l-offerta tiegħu u r-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li ma jingħatax kuntratt li għalih kien hemm pubblikazzjoni ta' avviż ta' konċessjoni jew li terġa' tinbeda l-proċedura.

(2) Barra minn dak iddikjarat fis-subregolamenti (1), fuq talba tal-parti kkonċernata, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha, mill-aktar fis possibbli, u fi kwalunkwe każ fi żmien ħmistax-il jum mill-wasla ta' talba bil-miktub, tinforma lil kwalunkwe offerent li jkun għamel offerta ammissibbli dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula.

(3) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' tiddeċiedi li żżomm ċerta informazzjoni msemmija fis-subregolament (1), rigward il-kuntratt, meta l-iżvelar ta' din l-informazzjoni jimpedixxi l-infurzar tal-liġi, b'xi mod ieħor imur kontra l-interess pubbliku jew jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi, sew jekk privati kif ukoll jekk pubbliċi, jew jista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn dawn l-operaturi.

Esklużjoni u *black listing* ta' Kandidati, Operaturi Ekonomiċi u Offerenti

Applikabbiltà tat-Taqsima VI tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku. L.S. 601.03

81. It-Taqsima VI tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

Raġunijiet aktar għar-esklużjoni.

82. (1) Fil-każ ta' konċessjonijiet fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà kif imsemmijin fid-Direttiva 2009/81/KE, operatur ekonomiku jista' jiġi eskluż milli jipparteċipa jekk ikun instab, abbażi ta' kwalunkwe mezz ta' evidenza, inklużi sorsi ta' data protetta, li ma kellux l-affidabbiltà meħtieġa biex jiġu evitati riskji għas-sigurtà tar-Republika ta' Malta.

(2) Il-perjodu ta' esklużjoni f'dan ix-xenarju għandu jkun ta' tliet snin mid-data tal-fatt rilevanti.

Taqsima III

Regoli dwar Prestazzjoni ta' Kuntratti ta' Konċessjoni

Regoli li għandhom x'jaqsmu mas-Subkuntratturi

Obbligi ta' subkuntratturi.

83. (1) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-obbligi stabbiliti taħt ir-regolament 16(1)(i) jiġu osservati wkoll mis-subkuntratturi.

(2) Il-konċessjonarju huwa responsabbli għall-atti kollha jew

omissjonijiet imwettqa mis-subkuntrattur matul il-konċessjoni.

Żvelar ta' livell ta' subkuntrattar.

84. (1) Fid-dokumenti tal-konċessjoni, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' titlob lill-offerent jew lill-applikant biex jindika fl-offerta tiegħu kwalunkwe sehem mill-konċessjoni li hu jista' jkollu l-ħsieb li jagħti bħala subkuntratt lil partijiet terzi u jindika kwalunkwe subkuntrattur propost:

Iżda l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' timponi obbligu biex tingħata l-informazzjoni meħtieġa direttament fuq il-konċessjonarju.

(2) Id-dispożizzjonijet tar-regolament 83 u tas-subregolament (1) m'għandhomx jaffettwaw r-responsabbiltà tal-konċessjonarju prinċipali.

(3) Fil-każ ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet u fir-rigward ta' servizzi li għandhom jiġu pprovduti fil-faċilità taħt is-sorveljanza tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti, wara l-għoti tal-konċessjoni u mhux aktar tard minn meta l-prestazzjoni tal-konċessjoni tibda, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha titlob lill-konċessjonarju jindika lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti l-isem, id-dettalji ta' kuntatt u r-rappreżentanti legali tas-subkuntratturi tiegħu, involuti f'tali xogħlijiet u servizzi, sa fejn dawn ikunu magħrufa f'dak il-mument.

(4) L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha titlob lill-konċessjonarju biex jgħarrafha bi kwalunkwe tibdil f'dik l-informazzjoni provduta fis-subregolment (3) matul il-konċessjoni kif ukoll bl-informazzjoni meħtieġa għal kwalunkwe subkuntrattur ġdid li huwa jinvolvi sussegwentement f'tali xogħlijiet jew servizzi.

(5) Il-proviso tas-subregolament (1), u s-subregolamenti (3) u (4) ma għandhomx japplikaw għal forniturі.

(6) L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jistgħu jestendu l-obbligi previsti fis-subregolamenti (3) u (4) fost l-oħrajn għal dan li ġej:

(*a*) konċessjonijiet ta' servizzi oħra minbarra dawk li jikkonċernaw servizzi li jingħataw fil-faċilitajiet taħt is-sorveljanza tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti jew għal forniturі involuti f'konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew servizzi;

(*b*) subkuntratturi tas-subkuntratturi tal-konċessjonarju jew aktar 'l isfel fil-katina tas-subkuntrattar.

Modifiki għal kuntratti ta' konċessjoni matul it-terminu tagħhom.

85. (1) Il-konċessjonijiet jistgħu jiġu modifikati mingħajr proċedura ġdida tal-għoti ta' konċessjoni fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn il-modifiki, irrispettivament mill-valur monetarju tagħhom, ikunu ġew previsti fid-dokumenti tal-konċessjoni inizjali bi klawżoli ċari, preċiżi u inekwivoċi, li jistgħu jinkludu klawżoli ta' reviżjoni tal-valur, jew għażliet. Dawn il-klawżoli għandhom jiddikkjaraw l-ambitu u n-natura ta' modifiki jew għażliet possibbli kif

ukoll il-kundizzjonijiet kif dawn jistgħu jintużaw. Huma m'għandhomx jipprevedu modifiki jew għażliet li jibdlu n-natura globali tal-konċessjoni;

(*b*) għal xogħlijiet jew servizzi addizzjonali mill-konċessjonarju oriġinali li jkunu saru neċessarji u li ma kinux inklużi fil-konċessjoni inizjali fejn il-bidla tal-konċessjonarju:

(i) ma tistax issir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalma huma r-rekwiżiti ta' interkambjalità jew interoperabbiltà ma' tagħmir, servizzi jew installazzjonijiet eżistenti akkwistati taħt il-konċessjoni inizjali; u

(ii) tkun tikkawża inkonvenjenza sinjifikanti jew dupplikazzjoni sostanzjali ta' spejjeż għall-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti:

Iżda, fil-każ ta' konċessjonijiet mogħtija minn awtorità kontraenti jew minn entità kontraenti, għall-finijiet li titkompla attività li mhix waħda minn dawk imsemmija fl-Iskeda 4, kwalunkwe żieda fil-valur ma għandhiex tkun ta' aktar minn ħamsin fil-mija tal-valur tal-konċessjoni oriġinali;

(*ċ*) fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-ħtieġa għal modifika seħħet minħabba ċirkostanzi li awtorità kontraenti jew entità kontraenti diliġenti ma setgħetx tbassar;

(ii) il-modifika ma tibdilx in-natura inġenerali tal-konċessjoni;

(iii) fil-każ ta' konċessjonijiet mogħtija minn awtorità kontraenti jew minn entità kontraenti, għall-finijiet li titkompla attività li mhix waħda minn dawk imsemmija fl-Iskeda 4, kwalunkwe żieda fil-valur ma tistax tkun ta' aktar minn ħamsin fil-mija tal-valur tal-konċessjoni oriġinali.

(*d*) fejn konċessjonarju ġdid jibdel lill-konċessjonarju li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun inizjalment tat il-konċessjoni bħala konsegwenza ta':

(i) klawżola ta' reviżjoni jew għażla inekwivoka f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (*a*);

(ii) suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal-konċessjonarju inizjali, wara ristrutturar korporattiv, inkluż teħid ta' pussess, amalgamazzjoni u akkwist jew insolvenza, ta' operatur ekonomiku ieħor li jissodisfa l-kriterji ta' selezzjoni kwalitattiva stabbiliti inizjalment, dment li dan ma jwassalx għal modifiki sostanzjali oħra għall-kuntratt u ma jkunx immirat lejn iċ-ċirkomvenzjoni tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(iii) fil-każ li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti nnifisha tassumi l-obbligi tal-konċessjonarju prinċipali fir-rigward tas-subkuntratturi tiegħu;

(*e*) fejn il-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, ma jkunux sostanzjali fis-sens tas-subregolament (5).

(2) L-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti li jkunu mmodifikaw konċessjoni li jkollu valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limiti stabbiliti taħt l-Iskeda 3, fil-każijiet stabbiliti taħt is-subregolment (1)(*b*) u (*ċ*) għandhom jippubblikaw avviż għal dak l-effett fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan l-avviż għandu jkun fih l-informazzjoni stabbilita fl-Iskeda 13 u għandu jiġi ppubblikat f'konformità mad-dispożizzzjonijet tar-regolament 97.

(3) Mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti taħt is-subregolamenti (5)(*a*) sa (*d*) jkunux sodisfatti, il-konċessjonijiet jistgħu wkoll jiġu mmodifikati mingħajr il-ħtieġa ta' proċedura ġdida għall-għoti ta' konċessjoni fejn il-valur tal-modifika jkun inqas mill-valuri li ġejjin:

(*a*) il-limitu stabbilit fl-Iskeda 3; u

(*b*) għaxra fil-mija tal-valur tal-konċessjoni inizjali.

Iżda l-modifika ma tibdilx in-natura globali tal-konċessjoni. Fejn isiru diversi modifiki suċċessivi, il-valur għandu jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-valur kumulattiv nett tal-modifiki suċċessivi.

(4) Għall-fini tal-kalkolu tal-valur imsemmi fis-subregolament (1)(*b*) u (*ċ*) u s-subregolament (3), il-valur aġġornat għandu jkun il-valur ta' referenza meta l-konċessjoni tkun tinkludi klawżola ta' indiċjar. Jekk il-konċessjoni ma tinkludix klawżola ta' indiċjar, il-valur aġġornat għandu jiġi kkalkolat b'kont meħud tal-inflazzjoni medja f'Malta.

(5) Modifika ta' konċessjoni matul it-terminu tagħha għandha titqies li hija sostanzjali skont it-tifsira tas-subregolament (1)(*e*), fejn din trendi l-konċessjoni materjalment differenti fil-karattru minn dik inizjalment konkluża. Fi kwalunkwe eventwalità, mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (1), (2) u (3), modifika għandha titqies li hija sostanzjali fejn tkun sodisfatta waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-modifika tintroduċi kundizzjonijiet li, kieku kienu parti mill-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni inizjali, kienu jippermettu l-ammissjoni ta' applikanti oħra minbarra dawk inizjalment magħżula, jew għall-aċċettazzjoni ta' offerta minbarra dik aċċettata oriġinarjament jew kienu jattiraw parteċipanti addizzjonali fil-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni;

(*b*) il-modifika tibdel il-bilanċ ekonomiku tal-konċessjoni favur il-konċessjonarju b'tali mod li ma kienx previst fil-konċessjoni inizjali;

(*ċ*) il-modifika testendi l-ambitu tal-konċessjoni b'mod konsiderevoli;

(*d*) fejn konċessjonarju ġdid jibdel lill-konċessjonarju li l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti kienet inizjalment tat il-konċessjoni f'każijiet oħra minbarra dawk previsti taħt is-subregolment (1)(*d*).

(6) Proċedura ġdida għall-għoti ta' konċessjoni f'konformità ma'

dawn ir-regolamenti għandha tintalab għal modifiki oħra tad-dispożizzjonijiet ta' konċessjoni matul it-terminu tagħha minbarra dawk previsti fis-subregolamenti (1), (2) u (3).

Deċiżjoni tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti.

86. Fl-għoti jew ir-rifjut ta' modifika, l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tqis kull *force majeure,* jew li avvenimenti mhux previsti jipprevalu u għandha tispeċifika jekk tali modifika setgħetx tiġi evitata. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha wkoll tistabbilixxi taħt liema regolament din il-modifika qed tiġi approvata u spjegazzjoni dettaljata u deskrizzjoni tal-modifika inkwistjoni.

Rekord tal-modifiki.

87. (1) L-awtorità kontraenti u l-entità kontraenti għandhom iżommu rekord sħiħ ta' talbiet għal modifiki, inkluż l-isem tal-konċessjonarju involut u d-dettalji tad-dokumenti speċifikati fir-regolament 88.

(2) L-awtorità kontraenti u l-entità kontraenti għandhom kull sitt xhur jibagħtu lid-Direttur rapport dwar il-modifiki inkluż l-informazzjoni kollha inkluża fir-regolament 88 u s-subregolament (1) ta' hawn:

Iżda d-Direttur jista' jitlob għal aktar informazzjoni barra minn dawk sottomess mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti.

Kontenut tal-modifika approvata,

88. Id-dokument tal-modifika approvata għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(*a*) deskrizzjoni dettaljata u spjegazzjoni tal-modifika;

(*b*) ir-raġunijiet u l-bażi legali li ġab miegħu l-ħtieġa ta' din il-modifika;

(*ċ*) l-effett fuq l-ispiża totali tal-kuntratt ta' konċessjoni u kwalunkwe effett fuq in-nefqa rikorrenti li għandu jirriżulta;

(*d*) iż-żmien mistenni għall-esekuzzjoni tal-modifika; u

(*e*) ir-rata finanzjarja jew kwalunkwe somma li għandha titħallas fir-rigward ta' dik il-modifika.

Kunsens tal-konċessjonarju biex tiġi eżegwita l-modifika.

89. (1) Ladarba l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tapprova modifika, il- konċessjonarju għandu jistipula bil-miktub jekk jaċċettax l-eżekuzzjoni tal-istess modifika bir-rati finanzjarji jew ammonti u fi żmien tal-medda tal-ħin kif speċifikat mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti.

(2) Jekk il-konċessjonarju iwettaq il-modifika mingħajr ma jipprovdi konferma bil-miktub, għandu jiġi meqjus illi huwa aċċetta li jwettaq il-modifika bil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti.

Modifiki illegali.

90. Kwalunkwe modifika mwettqa kontra dawn ir-regolamenti għandha titqies li tkun ibbażata fuq il-konsiderazzjoni illegali u l-konċessjonarju ma jkollu l-ebda dritt għal kumpens fir-rigward ta' dik il-modifika sakemm juri li ma kienx jaf dwar din l-irregolarità.

Azzjoni biex jiġu irkuprati pagamenti.

91. L-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern jista' jibda proċedimenti ċivili f'qorti sabiex il-konċessjonarju jrodd lura l-ħlasijiet riċevuti b'*mala fede* fir-rigward ta' modifiki eżegwiti kontra dawn ir-regolamenti. Tali azzjoni m'għandhiex tkun soġġetta għal xi perjodu preskrittiv.

Dmir tal-kuntratturi.

92. Il-konċessjonarju għandu jieqaf milli jeżegwixxi modifika sakemm ikun fornut b'kopja bil-miktub tal-approvazzjoni mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti li tispeċifika taħt liema regolament u paragrafu l-modifika qed tiġi approvata.

Tilwim fuq modifiki.

93. (1) Tilwim, dwar jekk kompitu partikolari jifformax parti mill-kuntratt ta' konċessjoni jew inkella jikkostitwixxi modifika lill-konċessjoni oriġinali bejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti u l-konċessjonarju, ma għandhomx idewwmu jew jissospendu l-kontinwazzjoni tal-kuntratt ta' konċessjoni, iżda l-konċessjonarju għandu d-dritt li jasserixxi t-talba tiegħu quddiem kwalunkwe qorti jew tribunal kontra l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti sabiex jirċievi ħlas addizzjonali għal dak il-kompitu jekk jirriżulta li ma jifformax parti mill-kuntratt oriġinal ta' konċessjoni.

(2) Din l-azzjoni għal kumpens addizzjonali mill-konċessjonarju għandha tkun preskritta bl-iskadenza ta' sentejn li għandhom jibdew mill-ġurnata meta l-konċessjonarju jsir jaf jew seta' sar jaf bil-kompitu.

Tmiem ta' Kuntratti ta' Konċessjoni

Tmiem ta' kuntratti ta' konċessjoni.

94. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu itemmu kuntratt matul it-terminu tiegħu, meta:

(*a*) tkun saret modifika tal-konċessjoni li tkun teħtieġ proċedura ġdida ta' għoti ta' konċessjoni skont ir-regolament 85;

(*b*) il-konċessjonarju kien, fil-ħin tal-għoti tal-konċessjoni, f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fir-regolament 192 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u għalhekk kellu jiġi eskluż mill-proċedura tal-għoti tal-konċessjoni; L.S. 601.03

(*ċ*) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tat konċessjoni mingħajr ma kkonformat mal-obbligi tagħha taħt it-Trattati, 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill of 26 February 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni jew dawn ir-regolamenti;

(*d*) il-kuntrattur ifalli milli jwettaq kwalunkwe obbligu li ġie kkuntrattat għalih.

(2) Jekk l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti ma jkollhiex raġuni valida għat-tmiem, hija għandha tikkumpensa lill-kuntrattur l-ispejjeż u x-xogħol kollu tiegħu u tħallsu s-somma stabbilita mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda s-somma ma għandhiex taqbeż is-somma tal-profitti li l-kuntrattur ikun għamel mill-kuntratt.

(3) Jekk l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti jkollha

raġuni valida għat-tmiem, hija għandha tħallas lill-kuntrattur, dik is-somma biss li ma ta taqbiżx l-ispejjeż u x-xogħol attwali ppruvati tal-kuntrattur.

(4) Kull ħlas li jkun sar bil-quddiem lill-kuntrattur qabel it-tmien tal-kuntratt għandu jiġu applikat għas-somma dovuta skont is-subregolamenti (2) jew (3) u l-kuntrattur għandu jrodd lura lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti kull żejjed li jibqa'.

(5) Il-kuntratt għandu jintemm immedjatament meta l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tinforma lill-kuntrattur, b'kull mezz li jkun, tad-deċiżjoni tiegħu biex itemm il-kuntratt, u dan mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorizzazzjoni u konferma minn xi qorti jew Bord.

Taqsima IV
Regoli komuni ta' Konċessjonijiet li jilħqu jew jaqbżu l-Limitu stabbilit fl-Iskeda 3

Publikazzjonijiet

Avviżi ta' konċessjoni.

95. (1) L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti li jkunu jixtiequ jagħtu konċessjoni għandhom juru l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż ta' konċessjoni.

(2) Avviżi ta' konċessjoni għandu jkun fihom l-informazzjoni msemmija fl-Iskeda 7 u, fejn adatt, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti, skont il-format tal-formoli *standard*.

(3) L-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti li jkunu jixtiequ jagħtu konċessjoni għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn elenkati fl-Iskeda 6 għandhom juru l-intenzjoni tagħhom ta' għoti ta' konċessjoni ppjanat permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż ta' informazzjoni minn qabel. Dawk l-avviżi għandu jkun fihom l-informazzjoni stabbilita fl-Iskeda 8.

(4) B'deroga id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti m'għandhomx ikunu meħtieġa jippubblikaw avviż ta' konċessjoni fejn ix-xogħol u s-servizzi jkunu jistgħu jingħataw biss minn operatur ekonomiku partikolari minħabba xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) l-għan tal-konċessjoni jkun il-ħolqien jew l-akkwist ta' opra tal-arti jew prestazzjoni artistika unika;

(*b*) in-nuqqas ta' kompetizzjoni għal raġunijiet tekniċi;

(*ċ*) l-eżistenza ta' dritt esklużiv;

(*d*) il-protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet esklużivi ħlief dawk imfissra fir-regolament 2.

(5) L-eċċezzjonijiet stabbiliti is-subregolament (4)(*b*), (*ċ*) u (*d*) japplikaw biss meta ma teżistix alternattiva jew sostitut raġonevoli u n-nuqqas ta' kompetizzjoni mhuwiex konsegwenza ta' limitazzjoni artifiċjali fil-parametri tal-għoti ta' konċessjoni.

(6) B'deroga mid-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti m'għandhiex tkun meħtieġa tippubblika avviż ta' konċessjoni ġdid meta ma tkun ġiet preżentata l-ebda applikazzjoni jew l-ebda sejħa għal offerta jew l-ebda sejħa għal

offerta adatta jew l-ebda applikazzjoni adatta bi tweġiba għal proċedura ta' konċessjoni preċedenti, dment li l-kundizzjonijiet inizjali tal-kuntratt ta' konċessjoni ma jinbidlux sostanzjalment u dment li jintbagħat rapport lill-Kummissjoni meta hija titlob hekk;

(7) Għall-finijiet tas-subregolament (6), offerta għandha titqies bħala li mhix adatta meta tkun irrilevanti għall-konċessjoni, filwaqt li b'mod ċar ma tkunx kapaċi, mingħajr bidliet sostanzjali, tissodisfa l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti kif speċifikati fid-dokumenti tal-konċessjoni.

(8) Għall-finijiet tas-subregolament (6), applikazzjoni għandha titqies bħala mhux adatta:

(*a*) fejn l-operatur ekonomiku kkonċernat għandu jew jista' jiġi eskluż skont ir-regolamenti 193, 194(*a*) u (*b*) u 199 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku jew ma jissodisfax il-kriterji ta' għażla stabbiliti mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti skont id-dispożizzzjonijet tar-regolament 77; L.S. 601.03

(*b*) fejn l-applikazzjonijiet jinkludu offerti li mhumiex adatti fit-tifsira tas-subregolament (7).

Avviżi ta' għoti ta' konċessjoni.

96. (1) Mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin jum wara l-għoti ta' konċessjoni, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jibagħtu, f'konformità mal-proċeduri previsti fir-regolament 97, avviż tal-għoti ta' konċessjoni dwar ir-riżultati tal-proċedura tal-għoti ta' konċessjoni. Għal servizzi soċjali jew servizzi speċifiċi oħra elenkati fl-Iskeda 6, tali avviżi jistgħu, madankollu, jiġu raggruppati kull trimestru. F'dak il-każ, għandhom jibagħtu l-avviżi raggruppati fi żmien tmienja u erbgħin jum minn tmiem kull trimestru.

(2) L-avviżi tal-għoti ta' konċessjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni li tinsab fl-Iskeda 9, jew fir-rigward ta' konċessjonijiet għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra elenkati fl-Iskeda 6, l-informazzjoni li tinsab fl-Iskeda 10, u għandhom jiġu ppubblikati skont id-dispożizzzjonijet tar-regolament 97.

Forma u mod ta' pubblikazzjoni tal-avviżi.

97. (1) L-avviżi ta' konċessjoni, l-avviżi tal-għoti ta' konċessjoni u l-avviż imsemmi fir-regolament 85(2) għandhom jinkludu l-informazzjoni li tinsab fl-Iskedi 7, 9 u 10 u fil-format tal-formoli standard, inklużi formoli *standard* għall-korriġenda.

(2) L-avviżi kif imsemmija fis-subregolament (1) għandhom jitfasslu, trasmessi b'mezzi elettroniċi lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u ppubblikati skont l-Iskeda 11.

(3) L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandu jagħti konferma lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti dwar ir-riċevuta tal-avviż u tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mibgħuta, li tindika d-data tal-pubblikazzjoni.

(4) L-avviżi ta' konċessjoni għandhom jiġu ppubblikati sħaħ f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif magħżul mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti. Dik il-verżjoni lingwistika jew dawk il-verżjonijiet lingwistiċi għandhom jikkostitwixxu l-uniku test awtentiku jew l-uniċi testi awtentiċi. Sommarju tal-elementi importanti ta' kull avviż għandu jiġi ppubblikat

fil-lingwi uffiċjali l-oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

(5) L-avviżi ta' konċessjoni u l-avviżi tal-għoti ta' konċessjoni u reklami fuq il-Gazzetta m'għandhomx jiġu ppubblikati fil-livell nazzjonali qabel ma jiġu ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ħlief jekk il-pubblikazzjoni fil-livell tal-Unjoni ma sseħħx fi żmien tmienja u erbgħin siegħa minn meta l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jikkonferma li rċieva l-avviż mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti kif imsemmi fis-subregolamenti (2) u (3). L-avviżi ta' konċessjoni u l-avviżi tal-għoti ta' konċessjoni u reklami fuq il-Gazzetta ppubblikati fil-livell nazzjonali m'għandux ikun fihom informazzjoni oħra minbarra dik fl-avviżi mibgħuta lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, iżda għandhom jindikaw id-data ta' meta jintbagħat l-avviż lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Taqsima V
Rimedji

Rimedji qabel id-Data tal-Għeluq ta' Sejħa għal Kompetizzjoni

Rimedji qabel id-Data tal-Għeluq ta' Sejħa għal Kompetizzjoni. *Emendat: A.L. 196 tal-2020.*

98. Kandidati prospettivi jistgħu, ġurnata qabel id-data tal-għeluq ta' sejħa għal kompetizzjoni, jippreżentaw rikors b'raġunijiet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi:

(*a*) sabiex jiġu mwarba jew jiġi żgurat t-twarrib ta' deċiżjonijiet inklużi l-klawsoli li jkun fih d-dokument ta' akkwist u noti ta' kjarifika meħuda illegalment f'dan l-istadju jew li huma ppruvati li jkunu impossibbli li jitwettqu; jew

(*b*) sabiex jiġu determinati kwistjonijiet relatati mas-sottomissjoni ta' offerta pemezz ta' pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern; jew

(*ċ*) sabiex jitneħħew speċifikazzjonijiet tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji diskriminatorji li jkunu preżenti fis-sejħa għal kompetizzjoni, fid-dokument ta' konċessjonijiet, fin-noti ta' kjarifikazzjonijiet jew f'kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-proċedura tal-għoti ta' kuntratt; jew

(*d*) sabiex jiġu kkoreġuti żbalji jew sabiex jitneħħew ambigwitajiet ta' xi fraži jew klawżola partikolari inklużi fis-sejħa għal kompetizzjoni, fid-dokument ta' konċessjonijiet, fin-noti ta' kjarifikazzjonijiet jew f'kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-proċedura tal-għoti ta' kuntratt; jew

(*e*) sabiex tiġi kkanċellata s-sejħa għal kompetizzjoni fuq il-bażi li s-sejħa għal kompetizzjoni tikser kwalunkwe liġi jew li x'aktarx tikser xi liġi partikolari jekk il-ksur ikompli.

Pubblikazzjoni tar-rikors.

99. (1) Ir-rikors minn min qed jagħmel l-ilment għandu jitwaħħal fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u għandu wkoll jiġi ppubblikat fuq il-*website* tal-istess bord.

(2) Il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għandu

jinnotifika lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti u lid-Direttur dwar din it-talba.

(3) Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kandidati prospettivi biex iżuru l-*website* tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u għandhom ikunu konxji bl-aħħar informazzjoni ppubblikata fuq l-*internet*.

Tweġiba għar-rikors.

100. L-awtorità kontraenti jew entità kontraenti u kull parti interessata jistgħu, fi żmien ħamest ijiem mid-data li fiha r-rikors ittella fuq il-*website* tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, jippreżentaw risposta bil-miktub. Dawn it-tweġibiet għandhom ukoll jitwaħħlu fuq in-*notice bord* tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u mtellgħin *online*.

Deċiżjoni mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

101. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għandu jiddeċiedi r-rikors b'urġenza wara li jinstemgħu l-partijiet, iżda mhux iktar minn seduta waħda tista' tiġi iffissata għal dan il-għan. Id-deċiżjoni finali tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi tista' tiġi appellata mill-parti aggravata quddiem il-Qorti tal-Appell kif provdut fir-regolamenti 119, 120, 121, 122, 123 u 124.

Sospensjoni tal-proċess.

102. Sakemm tittieħed id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, il-proċess tas-sejħa għandha tiġi sospiża.

Skadenza ġdida għall-preżentazzjoni ta' offerti.

103. Fid-deċiżjoni finali tiegħu, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għandu dejjem jistabbilixxi d-data tal-iskadenza ġdida għall-preżentazzjoni tal-offerti.

Implimentazzjoni.

104. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti għandha tirrispetti d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fl-iqsar żmien possibbli u meta l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tonqos milli timplimenta d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, il-bord jista' jirrapporta l-każ lil ministru responsabbli għal dik l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.

L-ebda ħlas għal dan it-tip ta' rikors.

105. Kull rikors ippreżentat skont dan it-titolu għandu jkun mingħajr ħlas.

Appelli minn Deċiżjonijiet Meħuda wara d-Data tal-Għeluq għall-Preżentazzjoni ta' Offerti

Appelli minn deċiżjonijiet meħuda wara d-data tal-għeluq għal-preżentazzjoni ta' offerta.

106. Kull offerent jew kull persuna, li jkollhom jew li darba kellhom interess jew li ssirilhom ħsara jew li jirriskjaw li ssirilhom ħsara bi ksur allegat jew b'xi deċiżjoni meħuda inkluż l-għoti propost fil-ksib ta' kuntratt, ir-rifjut ta' offerta jew it-tħassir ta' sejħa għal offerta, wara li jiskadi l-perjodu tal-pubblikazzjoni, jistgħu jippreżentaw appell permezz ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, li għandu jkun fih, b'mod ċar ħafna, r-raġunijiet għall-ilmenti tagħhom.

Preżentata tar-rikors.

107. Il-preżentata tar-rikors għandha ssir fi żmien għaxart ijiem kalendarji wara d-data li fiha l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun bagħtet permezz ta' *fax* jew xi mezz elettroniku ieħor id-deċiżjoni tagħha tal-għotja proposta jew iċ-ċaħda ta' offerta jew

il-kanċellazzjoni tas-sejħa għal offerti wara li jiskadi l-perjodu tal-pubblikazzjoni.

Komunikazzjoni lill-offerent jew lill-kandidat.

108. Il-komunikazzjoni lil kull kandidat dwar l-għoti propost jew dwar il-kanċellazzjoni tas-sejħa għandha jkollha sommarju tar-raġunijiet rilevanti dwar għaliex l-offerta tkun ġiet miċħuda jew ir-raġunijiet għaliex s-sejħa għal offerti qed tiġi kkanċellata wara l-iskadenza tal-perjodu tal-publikazzjoni, kif ukoll dikjarazzjoni preċiża taż-żmien eżatt ta' stennija.

Depożitu.

109. L-oġġezzjoni għandu jkun biss validu jekk flimkien miegħu jkun hemm depożitu ekwivalenti għal 0.50 fil-mija tal-valur stmat stabbilit mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti tal-offerta sħiħa jew jekk l-offerta hi maqsuma f'lottijiet skont il-valur stmat tal-offerta stabbilit mill-awtorità kontraenti jew mill-entità kontraenti għal kull lott magħmula mill-offerent, iżda f'ebda każ m'għandu d-depożitu jkun anqas minn erba' mitt euro (€400) jew aktar minn ħamsin elf euro (€50,000) li jistgħu jingħataw lura kif jista' jiddeċiedi fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Notifika lid-Direttur u lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.

110. Is-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għandu minnufih javża lid-Direttur u l-awtorità kontraenti li tkun ġiet preżentata oġġezzjoni għand l-awtorità tiegħu jew l-entità kontraenti biex b'hekk tiġi minnufih sospiża l-proċedura tal-għoti.

Sospensjoni tal-proċess.

111. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti m'għandhiex titħalla teżegwixxi l-kuntratt ta' konċessjoni matul il-perjodu ta' għaxart ijiem mogħti biex jiġu preżentati l-appelli. Il-proċess tal-għoti għandu jiġi għal kollox sospiż jekk jiġi eventwalment preżentat appell.

Proċedura tal-appell.

112. Il-proċedura li għandha tiġi segwita dwar kif jiġu preżentati u deċiżi l-ilmenti kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom dawk l-ilmenti jistgħu jiġu preżentati għandha tkun kif ġej:

(*a*) kull deċiżjoni mill-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti jew mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti, għandha tkun pubblika billi titwaħħal fuq in-*notice board* tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti jew billi titella' fuq il-pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern qabel l-għoti tal-kuntratt;

(*b*) l-appell ta' minn min qed jagħmel l-ilment għandu wkoll jitwaħħal fuq in-*notice-board* tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u għandu jiġi komunikat bil-*fax* jew b'xi mezz elettroniku ieħor lill-offerenti li jipparteċipaw;

(*ċ*) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti u kull parti interessata tista', fi żmien għaxart ijiem kalendarji mill-ġurnata li jitwaħħal l-appell fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti jew tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti, u imtella', fejn applikabbli, fuq il-pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern, tippreżenta risposta bil-miktub tal-appell. Dawn ir-risposti għandhom ukoll jitwaħħlu fuq *notice-*

board tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u fejn applikabbli għandhom ukoll jittellgħu fuq il-pjattaforma tal-akkwist elettoniku tal-gvern;

(*d*) wara li l-proċess ta' tħejjija jiġi debitament komplut, il-kap tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti għandu jgħaddi liċ-*chairman* tal-Bord ta' Reviżjoni fi żmien għaxart ijiem d-dokumentazzjoni kollha li jkollha x'taqsam mas-sejħa għal offerti inkwistjoni inklużi inkartamenti, offerti preżentati, kopji ta' riċevuti ta' depożiti u kull ittra li turi l-motivazzjoni;

(*e*) is-segretarju tal-bord għandu jinforma lill-parteċipanti kollha s-sejħa għall-offerti, u lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti bid-data jew id-dati, skont il-każ, meta jkun ser jinstema l-appell;

(*f*) meta s-seduta tiġi konkluża, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, jekk ma jagħtix d-deċiżjoni fl-istess ġurnata, għandu jirriżerva d-deċiżjoni għall-eqreb data possibbli li għandha tiġi ffisata għal dak il-għan, iżda mhux aktar tard minn sitt gimgħat mill-ġurnata tas-seduta:

Iżda għal raġunijiet serji u ġustifikati espressi bil-miktub permezz ta' ordni notifikat lill-partijiet kollha, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi jista' jipposponi d-deċiżjoni għal aktar tard;

(*g*) is-segretarju tal-bord għandu jżomm rekord tal-motivi ta' kull aġġornament u ta' dak kollu li jsir f'kull seduta; u

(*h*) wara li jevalwa l-evidenza kollha u jikkunsidra s-sottomissjonijiet kollha mressqa mill-partijiet, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għandu jiddeċiedi jekk jaċċettax jew jiċħadx l-appell.

Ineffettività ta' Kuntratt ta' Konċessjoni

Ineffettività ta' kuntratt.

113. (1) Parti interessata jew offerent jista' jippreżenta rikors quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi sabiex jiddikjara l-ineffettività ta' kuntratt ta' konċessjoni b'valur stmat li jilħaq jew jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Iskeda 3.

(2) Parti interessata tista' titlob biss lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi biex tiddikjara l-ineffettività ta' kuntratt ta' konċessjoni iffirmat jekk l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tat kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma dan ikun permissibbli b'konformità mad-Direttiva 2014/23/UE.

(3) Kull offerent jista' jitlob ukoll lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi biex jiddikjara kuntratt ineffettiv fiż-żewġ każijiet li ġejjin:

(*a*) meta, minkejja li jsir appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, l-awtorità kontraenti jew jew l-entità kontraenti tikkonkludi kuntratt qabel ma tingħata d-deċiżjoni finali mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi; jew

(*b*) meta l-kuntratt ġie konkluż minn awtorità kontraenti jew minn entità kontraenti qabel l-iskadenza tal-perjodu

għall-preżentata ta' appell kif provdut fir-regolament 106.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) m'għandhomx japplikaw fejn:

(*a*) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tqis li l-għoti ta' kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huwa permissibbli skont id-Direttiva 2014/24/UE jew id-Direttiva 2014/23/UE;

(*b*) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea avviż kif deskritt fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 89/665 li jesprimi l-intenzjoni tagħha li tikkonkludi l-kuntratt; u

(*ċ*) il-kuntratt ma jkunx ġie konkluż qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' mill-inqas għaxart ijiem kalendarji b'effett mill-jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

Talba għal kumpens.

114. Barra mid-dikjarazzjoni għall-ineffettività ta' kuntratt, l-applikant jista' jitlob lill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi sabiex tillikwida u tordna lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tħallas kumpens lilu għal danni attwali sostnuti.

Notifika tal-avviż.

115. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti u lill-firmatarji kollha tal-kuntratt ta' konċessjoni, imfittex biex ikun dikarjat ineffettiv, li jkollhom għoxrin jum biex jippreżentaw risposta.

Deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

116. (1) Jekk il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi jiddikjara kuntratt ineffettiv, huwa għandu jimponi pieni fuq l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti wara li jevalwa, fid-deċiżjoni tiegħu l-fatturi rilevanti kollha, inkluża l-gravità tal-ksur u l-imġiba tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti.

(2) Il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ma jistax jikkunsidra kuntratt ineffettiv, minkejja li jkun ingħata illegalment għar-raġunijiet imsemmija fir-regolament 113, jekk il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi isib, wara li jkun eżamina l-aspetti rilevanti kollha, li ħtiġijiet aktar importanti relatati mal-interess ġenerali jeħtieġu li l-effetti tal-kuntratt għandhom jinżammu.

Penali.

117. Il-pieni imposti mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi għandhom jikkonsistu:

(*a*) fl-impożizzjoni ta' multi lill-awtorità kontraenti jew lill-entità kontraenti, skont il-każ, fl-ammont ta' ħmistax fil-mija tal-valur tal-offerta iżda mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000); jew

(*b*) it-tqassir tal-perjodu tal-kuntratt:

Iżda l-għoti ta' danni preskritti fir-regolament 114 ma għandux jiġi meqjus bħala penali alternattiva xierqa għall-finijiet ta' dan ir-regolament.

Ammissibbiltà ta' rikorsi.

118. Rikorsi għall-ineffettività ta' kuntratt għandhom jitqiesu ammissibbli jekk ikunu magħmula:

(*a*) qabel l-iskadenza mill-inqas tletin jum kalendarji b'effett mill-jum wara d-data li fiha:

(i) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti pubblikat avviż ta' għoti ta' kuntratt, sakemm dan l-avviż jinkludi ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti jew tal-entità kontraenti li tagħti l-kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; jew

(ii) l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti infurmat lill-offerenti u lill-kandidati konċernati dwar il-konklużjoni tal-kuntratt; u

(*b*) u f'kull każ ieħor qabel l-iskadenza ta' perjodu ta' mill-inqas sitt xhur b'effett mill-jum wara d-data tal-konklużjoni tal-kuntratt.

Qorti tal-Appell

Appell lill-Qorti tal-Appell.

119. Kwalunkwe parti li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell, kif kostitwita skont l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, permezz ta' rikors preżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien għoxrin ġurnata kalendarji mid-deċiżjoni li fiha dik id-deċiżjoni tkun saret pubblika.

Kap. 12.

Partijiet fl-appell.

120. Ir-rikors tal-appell għandu jkun indirizzat kontra l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti, l-offerent rakkomandat, jekk ikun hemm, u kwalunkwe parti oħra involuta fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi, li jista' jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata:

Iżda jekk l-appellant jonqos milli jipprova jinnotifika r-rikors tal-appell fuq il-partijiet kollha hawn fuq imsemmija fi żmien ġimgħatejn tal-preżentata tal-appell, il-Qorti, was li tisma matul l-ewwel seduta tal-appell ir-raġunjiet għaliex in-notifika ma saritx, jista' jiddikjara permezz ta' digriet mogħti fil-miftuħ li l-appell u dażert bi spejjeż li jitħallsu mill-appellant.

Smigħ.

121. (1) Il-Qorti tal-Appell għandha tiffissa s-smigħ tal-kawża f'data mill-aktar kmieni, iżda fl-ebda każ aktar tard minn xahrejn mid-data li fiha l-appell ikun tressaq quddiemha u għandha tara li l-partijiet fil-kawża jiġu notifikati b'din id-data, u huma, min-naħa tagħhom, għandhom jassumu r-responsabbiltà li jżuru r-reġistru tal-qorti u jkollhom għarfien tal-informazzjoni l-aktar reċenti rigward l-appuntament tas-smigħ tal-kawża.

(2) Wara li tappunta r-rikors għas-smigħ, u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet verbali magħmula mill-partijiet kollha, il-Qorti għandha tiddeċiedi r-rikors fuq il-mertu, fl-inqas żmien possibbli iżda mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data minn meta jkun ġie ppreżentat l-appell il-partijiet kienu debitament notifikati. Waqt li d-deċiżjoni tal-Qorti tkun għadha pendenti, il-proċess tas-sejħa għal offerti jiġi sospiż.

Appell mill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti.

122. L-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tista' biss tirreferi kwistjoni lill-Qorti fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi fir-rigward tal-ineffettività ta' kuntratt ta' konċessjoni, pieni u l-għoti ta' kumpens.

Rikorsi frivoli u vessatorji.

123. Jekk, matul is-smigħ tal-appell, il-Qorti tikkonkludi li r-rikors hu frivolu u vessatorju, il-Qorti tista' timponi, fuq il-parti hekk ħatja, penali li titħallas lill-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti, ta' bejn elf euro (€1,000) u ħamest elef euro (€5,000).

Estensjoni tat-termini.

124. Il-Qorti tista', għal raġunijiet serji u neċessarji, permezz ta' digriet, testendi għal perjodu raġonevoli, il-limiti ta' żmien ġudizzjarji imsemmija f'din it-Taqsima.

Smigħ mill-ġdid.

125. L-ebda rikors għas-smigħ mill-ġdid minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ma jista' jsir jekk, wara li tkun ingħatat d-deċiżjoni finali, il-kuntratt ta' konċessjoni ikun ġie ffirmat bejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti u l-offerent rakkomandat u ma tkun saret l-ebda talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Emendata:
XXVIII.2018.44;
A.L. 414 tal-2020;
XVII.2024.35;
A.L. 112 tal-2024.

Skeda 1
Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti

- Uffiċċju tal-Prim Ministru/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Affarijiet Barranin/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tal-Operat
- Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għal Għawdex/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Finanzi/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għat-Turiżmu/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Kompetittività u Ekonomija Diġitali, Marittima u tas-Servizzi/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għas-Saħħa/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
- Awtorità ta' Malta dwar *Standards*
- Awtorità tax-Xandir
- Ċentru għar-Riċerka, Żvilupp u Taħriġ

- Direttorat għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet
- EuroMedITI Ltd
- Forzi Armati ta' Malta
- Industrial Projects u Services Ltd
- Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku
- Stamperija tal-Gvern
- Uffiċċju Elettorali
- Akkademja tal-Mediterran għal Studji Diplomatiċi
- Istitut Internazzjonali dwar l-Anzjani
- Proġetti u Żvilupp
- Servizzi tal-Klijent
- Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta (*MITA*)
- Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
- Grand Harbour Regeneration Corporation p.l.c.
- Malta Government Technology Investments Limited (MGTIL)
- Transport Malta
- Aġenzija tal-Ħlasijiet
- Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma
- Bini u Inġinerija
- Bini u Manutenzjoni
- Dipartiment ta' Affarijiet tal-UE
- Dipartiment tal-Indafa u Manutenzjoni
- Dipartiment tal-Industrija u Kostruzzjoni tal-Bini
- Dipartiment tal-Maniġġ Finanzjarju
- Dipartiment tal-Proġetti tad-Disinjar u Implimentazzjoni
- Dipartiment tar-Regolamenti dwar l-Agrikoltura u Sajd
- Diviżjoni ta' Strateġija u Support
- Diviżjoni tas-Servizzi
- Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini
- Manifattura u Servizzi
- Kontroll tas-Sajd
- Servizzi dwar Ikel u Veterinarji
- Tiftix għaż-Żejt
- WasteServ Malta Ltd.
- Żviluppi Rurali u Akwakultura
- Aġenzija ta' Programmi tal-Unjoni Ewropea
- Arkivji Nazzjonali

- Dipartiment tal-Konformità Regolatorja
- Direttorat għal Affarijiet tal-UE u Internazzjonali
- Eżamijiet
- Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada
- Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi
- Fondazzjoni Patrimonju Malti
- Istitut dwar Studji Turistiċi
- Junior College
- Jobsplus
- Kulleġġ ta' Malta tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija
- Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla
- Kummissjoni Nazzjonali Maltija għall-*UNESCO*
- SportMalta
- Libreriji Maltin
- Public Broadcasting Services Ltd.
- Università ta' Malta
- Awtorità dwar Lotteriji u Logħob
- Awtorità ta' Malta dwar l-Istatistika
- Awtorità ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji
- Borża ta' Malta
- Dipartiment tad-Dwana
- Dipartiment tal-Kuntratti
- Dipartiment tal-Lotteriji
- Dipartiment tat-Taxxi Interni
- Dipartiment tat-Teżor
- Diviżjoni tal-Politika Ekonomika
- Diviżjoni tal-VAT
- Gozo Channel (Operations) Ltd.
- Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja
- Enemalta p.l.c.
- Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma
- Malta Air Traffic Services Ltd. (MATS)
- Malta Enterprise
- INDIS Malta Ltd.
- MGI/MIMCOL
- Sezzjoni tal-Konformità mat-Taxxa
- Sezzjoni għan-Negozjati Kollettivi

- Sezzjoni tal-Privatizzazzjoni
- Taxxa fuq Trasferiment ta' Kapital
- Dipartiment tal-Gvern Lokali
- Dipartiment tal-Pulizija
- Kunsilli Lokali
- Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu Asil
- Protezzjoni Ċivili
- Reġistrazzjoni Ċivili
- Reġistru Pubbliku
- Reġistru tal-Art
- Servizzi Korrettivi
- Anzjani u Kura fil-Komunità
- Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà
- Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm
- Fondazzjoni għal Servizzi Mediċi
- Saħħa
- Sptar *Mater Dei*
- Sptar *Monte Carmeli*
- Sptar Zammit Clapp
- Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu
- Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi
- Awtorità tal-Ippjanar
- Ċentru Mediterran għal Konferenzi
- Ċentru ta' Kreatività Kavallier ta' San Ġakbu
- Hertitage Malta
- Kunsill Nazzjonali għall-Kultura u l-Arti
- National Orchestra Ltd
- Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali
- Teatru Manoel
- Aċċess
- Appoġġ
- Avukat Ġenerali
- Identità Malta
- Awtorità Nazzjonali dwar l-Impjiegi
- Awtorità tad-Djar
- Ċentru ta' Malta dwar Arbitraġġ
- Fondazzjoni għal Servizzi fil-*Welfare* Soċjali

- Frodi fil-Benefiċċji u Investigazzjonijiet
- Ġudizzjarju
- Kumitat tal-*Welfare*
- Kummissjoni dwar il-Protezzjoni ta' *Data*
- Kummissjoni fuq il-Vjolenza Domestika
- Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' Ugwaljanza bejn Irġiel u Nisa
- Kummissjoni Nazzjonali dwar l-abbuż mid-drogi, alkoħol u dipendenzi oħra
- Kummissjoni Nazzjonali għal Persuni b'Disabilità
- Kummissjoni Nazzjonali għall-Familja
- Kunsill ta' Malta għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali
- Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi
- Sapport
- Sedqa
- Sigurtà Soċjali
- *Standards* fil-*Welfare* Soċjali
- Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji
- Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal
- Awtorità dwar il-Mediċini
- Bord tal-Koperattivi
- Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni
- Diviżjoni tal-Kummerċ
- Laboratorju Nazzjonali ta' Malta
- Nutar tal-Gvern
- Diviżjoni Proprjetà tal-Gvern
- Uffiċċju Konġunt
- Projects Malta Ltd
- Central Procurement Supplies Unit
- Kummissjoni tal-Impjiegi
- Aġenzija Żgħażagħ
- National Literacy Agency
- Institute for Education
- Infrastruttura Malta

Skeda 2
Lista ta' Attivitajiet imsemmija fit-Tifsira ta' Eżekuzzjoni ta' Xogħol
(Regolament 2)

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
45			Kostruzzjoni	Din id-diviżjoni tinkludi: Kostruzzjoni ta' bini ġdid u xogħlijiet, restawrar u tiswijiet komuni.	45000000
	45.1		Preparazzjoni tas-sit		45100000
		45.11	Demolizzjoni u tifrik ta' bini; ċaqliq ta' terrepien	Din il-klassi tinkludi: - demolizzjoni ta' bini u strutturi oħrajn, - tindif ta' siti ta' bini, - skavar, mili ta' art, livellar u gradazzjoni ta' siti ta' kostruzzjoni, tħaffir ta' trinek, tneħħija ta' blat, sparar ta' furnelli, eċċ. - preparazzjoni ta' sit għat-tħaffir ta' minjieri: - tneħħija tal-materjal tal-wiċċ u żviluppi u preparamenti oħrajn ta' proprjetajiet u siti minerali. Din il-klassi tinkludi wkoll: - drenaġġ tas-sit tal-bini. - drenaġġ ta' art agrikola jew imsaġġra.	45110000
		45.12	Tħaffir u titqib bi prova	Din il-klassi tinkludi: - tħaffir bi prova, titqib bi prova u teħid ta' kampjuni għal skopijiet ta' kostruzzjoni, ġeofiżiċi, ġeoloġiċi jew simili. Din il-klassi teskludi: - tħaffir ta' bjar tal-produzzjoni taż-żejt jew tal-gass, ara 11.20. - tħaffir ta' bjar tal-ilma, ara 45.25, - tħaffir ta' xaftijiet, ara 45.25, - esplorazzjoni ta' baċir taż-żejt u tal-gass, stħarriġ ġeofiżiku, ġeoloġiku u siżmiku, ara 74.20.	45120000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
	45.2		Bini ta' kostruzzjonijiet sħaħ jew partijiet tagħhom; inġinerija ċivili		45200000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.21	Kostruzzjoni ġenerali tal-bini u xogħlijiet tal-inġinerija ċivili	Din il-klassi tinkludi: - kostruzzjoni tat-tipi kollha ta' bini kostruzzjonijiet ta' inġinerija ċivili, - pontijiet, inklużi dawk għal awtostradi elevati, vijadotti, mini u passaġġi taħt it-triq, - linji ta' pajpijiet fit-tul, linji tal-komunikazzjoni u tal-enerġija, - linji ta' pajpijiet urbani, linji urbani ta' komunikazzjoni u tal-enerġija, - xogħlijiet urbani anċillari, - assemblaġġ twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati fuq is-sit. Din il-klassi teskludi: - attivitajiet ta' servizz inċidentali għall-estrazzjoni taż-żejt u l-gass, ara 11.20, - twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati sħaħ minn partijiet awtomanifatturati mhux tal-konkrit, ara d-diviżjonijiet 20, 26 u 28, - xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini tal-għawm, ġinnażji, kampijiet tat-tenis, korsijiet tal-golf u installazzjonijiet sportivi oħra, ara 45.23, - installazzjonijiet ta' bini, ara 45.3, - kompletar ta' bini, ara 45.4, - attivitajiet arkitettoniċi u ta' inġinerija, ara 74.20, - ġestjoni ta'proġettigħal kostruzzjoni, ara 74.20.	45210000 Ħlief: – 45213316 45220000 45231000 45232000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.22	Tqegħid ta' għata u kostruzzjoni ta' oqfsa tas-soqfa tal-bini	Din il-klassi tinkludi: - bini ta' bjut, - kisi ta' bjut, - issiġillar mill-ilma.	45261000
		45.23	Kostruzzjoni ta' awtostradi, toroq, ajruporti u faċilitajiet tal-isport	Din il-klassi tinkludi: - kostruzzjoni ta' awtostradi, toroq, toroq prinċipali u mogħdijiet oħra għall-vetturi u għall-mixi, - kostruzzjoni ta' binarji tal-ferrovija, - kostruzzjoni ta' *runways* għall-ajruplani, - xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini tal-għawm, ġinnażji, kampijiet tat-tenis, korsijiet tal-golf u installazzjonijiet sportivi oħra, - żbigħ ta' marki fuq uċuh tat-toroq u parkeġġi tal-karozzi. Din il-klassi teskludi: - ċaqliq preliminari ta' terrapien, ara 45.11.	45212212 u DA03 45230000 ħlief: – 45231000 – 45232000 – 45234115
		45.24	Kostruzzjoni ta' proġetti tal-ilma	Din il-klassi tinkludi - kostruzzjoni ta': - mogħdijiet tal-ilma, xogħlijiet f'portijiet u xmajjar, portijiet tad-divertiment (marini), mekkaniżmi tad-diżlivelli fix-xmajjar, eċċ., - digi, - tħammil, - xogħol taħt il-wiċċ.	45240000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.25	Xogħol ieħor ta' kostruzzjoni li jinvolvi snajja' speċjali	Din il-klassi tinkludi: - attivitajiet ta' kostruzzjoni li jispeċjalizzaw f'aspett wieħed komuni għal tipi differenti ta' strutturi, li jeħtieġu sengħa jew apparat speċjalizzat, - kostruzzjoni ta' pedamenti, inkluż tismir ta' pil-aħħarri fl-art, - tħaffir u kostruzzjoni ta' bjar tal-ilma, tħaffir ta' xaftijiet, - twaqqif ta' elementi tal-azzar mhux awtomanifatturati, - tagħwiġ tal-azzar, - tqegħid ta' brikks u ssettjar ta' ġebel,	45250000 45262000
				- *scaffolds* u armar u żmontar ta' pjattaformi tax-xogħol, inkluż kiri ta' *scaffolds* u pjattaformi tax-xogħol, - twaqqif ta' ċmieni u fran industrijali. Din il-klassi teskludi: - kiri ta' *scaffolds* mingħajr armar u żmontar, ara 71.32	
	45.3		Installazzjoni ta' bini		45300000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.31	Installazzjoni ta' sistemi ta' wajers u fittings tal-elettriku	Din il-klassi tinkludi: installazzjoni fil-bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta': - wajers u attrezzaturi tal-elettriku, - sistemi tat-telekomunikazzjoni, - sistemi ta' tisħin bl-elettriku, - antenni u aerials residenzali, - sistemi ta' allarm tan-nirien, - sistemi ta' allarm kontra s-serq, - liftijiet u eskalejters, - kalamiti tas-sajjetti, eċċ.	45213316 45310000 Ħlief: – 45316000
		45.32	Attivitajiet ta' xogħol ta' iżolazzjoni	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' iżolament għas-sħana, il-ħsejjes jew il-vibrazzjoni. Din il-klassi teskludi: - issiġillar mill-ilma, ara 45.22.	45320000
		45.33	Sistema ta' pajpijiet tal-ilma	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta': - tagħmir idrawliku u sanitarju, - attrezzaturi tal-gass, - tagħmir u tubi għat-tisħin, il-ventilazzjoni, ir-refriġerazzjoni jew l-ikkundizzjonar tal-arja, - sistemi ta' tbexxix.	45330000
				Din il-klassi teskludi: - installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin bl-elettriku, ara 45.31.	

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.34	Installazzjoni oħra fil-bini	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' sistemi ta' illuminazzjoni u sinjalar għal toroq, ferroviji, ajruporti u portijiet, - installazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' attrezzaturi u montaġġi mhux klassifikati xi mkien ieħor	45234115 45316000 45340000
	45.4		Kompletar tal-bini		45400000
		45.41	Tikħil	Din il-klassi tinkludi: - applikazzjoni f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta' kisi jew tikħil ta' ġewwa u ta' barra, inkluż materjal tal-injam relatat.	45410000
		45.42	Installazzjonijiet mill-mastrudaxxa	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' bibien, twieqi, ċaċċiż tal-bibien u tat-twieqi, kċejjen tal-qies, turġien, armaturi tal-ħwienet u ħwejjeġ simili, mhux awtomanifatturati, tal-injam jew ta' materjal ieħor, - kompletar ta' ġewwa bħal soffitti, kisjiet tal-injam tal-ħitan, ħitan diviżorji mobbli, eċċ. Din il-klassi teskludi: - it-tqegħid ta' parkett u kisi ieħor tal-injam tal-art, ara 45.43.	45420000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.43	Kisi tal-art u l-ħajt	Din il-klassi tinkludi: - tqegħid, kisi bil-madum, dendil jew immontar f'bini jew proġetti oħra ta' kostruzzjoni ta': - madum tal-ħitan jew tal-art taċ-ċeramika, tal-konkrit jew tal-ġebel maqtugħ, - parkett u kisi ieħor tal-art bl-injam, tapiti u kisi tal-art bil-linolju, - inkluż tal-gomma jew tal-plastik, - kisi tal-art jew tal-ħitan bit-terrazzo, l-irħam, il-granit jew bil-lavanja, - karti tal-ħitan.	45430000
		45.44	Tpinġija u tqegħid tal-ħġieġ fit-twieqi	Din il-klassi tinkludi: - żebgħa minn ġewwa u minn barra ta' bini, - żebgħa ta' strutturi tal-inġinerija ċivili, - installazzjoni ta' ħġieġ, mirja, eċċ. Din il-klassi teskludi: - installazzjoni ta' twieqi, ara 45.42,	45440000
		45.45	Kompletar ta' bini ieħor	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' pixxini tal-għawm privati, - tindif bil-fwar, sand bl-aħħaring u attivitajiet similari fuq barra tal-bini, - kompletar ieħor ta' bini u xogħol ta' rfinar mhux klassifikat xi mkien ieħor Din il-klassi teskludi: - tindif minn ġewwa ta' bini u strutturi oħra, ara 74.70.	45212212 u DA04 45450000
	45.5		Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew demolizzjoni bl-operatur		45500000

NACE Rev (1)					Kodiċi CPV
TAQSIMA F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.50	Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew demolizzjoni bl-operatur	Din il-klassi teskludi: - kiri ta' makkinarju u apparat għal kostruzzjoni jew demolizzjoni mingħajr operaturi, ara 71.32.	45500000

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea

---

Emendata:
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 196 tal-2020;
A.L. 26 tal-2022;
A.L. 360 tal-2024.

Skeda 3
Valuri ta' Limiti
(Regolament 57)

Il-valuri tal-limiti, mingħajr il-VAT, applikabbli għall-Kuntratti Pubbliċi għandhom ikunu dawn li ġejjin:

€5,538,000 kemm għal konċessjonijiet ta' xogħol u servizzi

Skeda 4
Attivitajiet eżerċitati minn Entitajiet Kontraenti

Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jirregolaw konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet li ġejjin:

1. Fir-rigward tal-gass u t-tisħin: :

(*a*) il-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku b'rabta mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta' gass jew tisħin;

(*b*) il-provvista ta' gass jew tisħin lil dawn in-netwerks.

Il-provvista minn entità kontraenti kif imfissra fir-regolamenti 2(2)(*b*) u (*ċ*) ta' gass jew tisħin lil netwerks fissi li jipprovdu servizz lill-pubbliku m'għandhiex titqies li hija attività rilevanti skont it-tifsira tal-paragrafu 1 fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(i) il-produzzjoni ta' gass jew tisħin minn dik l-entità kontraenti hija l-konsegwenza inevitabbli li tirriżulta mit-twettiq ta' attività apparti dawk imsemmija f'dan il-paragrafu jew fil-paragrafi 2 u 3 ta' din l-Iskeda;

(ii) il-provvista lin-netwerk pubbliku għandha l-għan biss li tisfrutta

ekonomikament dik il-produzzjoni u tammonta għal mhux aktar minn għoxrin fil-mija tal-fatturat ta' dik l-entità kontraenti abbażi tal-medja fuq it-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "provvista" tinkludi l-ġenerazzjoni/produzzjoni, il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut ta' gass. Madankollu, il-produzzjoni ta' gass fil-forma ta' estrazzjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 4 ta' din l-Iskeda.

2. Fir-rigward tal-elettriku:

(*a*) il-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks fissi maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku b'rabta mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni tal-elettriku;

(*b*) il-provvista tal-elettriku lil dawk in-netwerks fissi.

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-provvista tal-elettriku tinkludi l-ġenerazzjoni/produzzjoni, il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut ta' elettriku.

Il-provvista minn entità kontraenti msemmija fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*) tat-tifsira "entità kontraenti" fir-regolament 2(2) tal-elettriku lin-netwerks li jipprovdu servizz lill-pubbliku m'għandhiex titqies li hija attività rilevanti skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) il-produzzjoni tal-elettriku minn dik l-entità kontraenti sseħħ minħabba li l-konsum tiegħu huwa meħtieġa għat-twettieq ta' attività oħra minbarra dawk imsemmija f'dan il-paragrafu jew fil-paragrafi 1 u 3 ta' din l-Iskeda;

(*b*) il-provvista lin-netwerk pubbliku tiddependi biss mill-konsum ta' dik l-entità kontraenti stess u ma tkunx qabżet it-tletin fil-mija tal-produzzjoni totali ta' enerġija ta' dik l-entità kontraenti, abbażi tal-medja fuq it-tliet snin preċedenti, inkluża s-sena kurrenti.

3. Attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-forniment jew it-tħaddim ta' netwerks li jipprovdu servizz lill-pubbliku fil-qasam tat-trasport bil-ferrovija, sistemi awtomatizzati, bit-trammijiet, *trolley bus*, karozza tal-linja jew kejbil.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi tat-trasport, netwerk għandu jiġi kkunsidrat li hu stabbilit fejn is-servizz ikun ipprovdut f'kundizzjonijiet ta' tħaddim preskritti minn awtorità kompetenti, bħal kundizzjonijiet fuq ir-rotot li għandhom jiġu servuti, il-kapaċità li għandha tkun disponibbli jew il-frekwenza tas-servizz.

4. Attivitajiet marbuta mal-esplojtazzjoni ta' żona ġeografika għall-fini ta' forniment ta' ajruporti u portijiet marittimi jew interni jew faċilitajiet terminali oħrajn lill-operaturi tal-ajru, tal-baħar jew fuq l-ilmijiet interni.

5. Attivitajiet relatati mal-forniment ta':

(*a*) servizzi postali;

(*b*) servizzi oħra għajr servizzi postali, bil-kundizzjoni li dawn is-servizzi huma pprovduti minn entità li tipprovdi wkoll servizzi postali skont it-tifsira tas-subparagrafu (ii) u dment li l-kundizzjonijiet stipulati fir-regolament 27 tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali ma jkunux sodisfatti fir-rigward tas-servizzi li jaqgħu taħt is-subparagrafu (ii).

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr ħsara għal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva 97/67/UE:

(i) "oġġett postali" tfisser oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha għandu jinġarr, irrispettivament mit-toqol. Minbarra l-oġġetti ta'

korrispondenza, dawn l-oġġetti jinkludu wkoll pereżempju kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru, irrispettivament mit-toqol;

(ii) "servizzi postali" tfisser servizzi li jikkonsistu fil-ġbir, l-issortjar, il-ħruġ u t-tqassim ta' oġġetti postali. Dan għandu jinkludi kemm is-servizzi li jaqgħu fi ħdan, kif ukoll is-servizzi li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz universali stabbilit f'konformità mad-Direttiva 97/67/KE;

(iii) "servizzi oħra għajr servizzi postali" tfisser servizzi pprovduti fl-oqsma li ġejjin:

- servizzi ta' ġestjoni tas-servizzi tal-posta (servizzi li jseħħu kemm qabel kif ukoll wara d-dispaċċ, inklużi "servizzi ta' ġestjoni tal-kamra tal-posta"),
- servizzi li jikkonċernaw oġġetti postali li mhumiex inklużi fis-subparagrafu (*a*), bħall-posta diretta mhux immarkata b'indirizz.

6. Attivitajiet marbuta mal-esplojtazzjoni ta' żona ġeografika għall-fini ta':

(*a*) estrazzjoni ta' żejt jew gass;

(*b*) esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta' faħam jew fjuwils solidi oħra.

Skeda 5

Lista ta' Atti Legali tal-Unjoni

[Regolament 2(2)]

Drittijiet li ngħataw permezz ta' proċedura li fiha ġiet żgurata pubblikità adegwata u fejn l-għoti ta' dawk id-drittijiet kien ibbażat fuq kriterji oġġettivi m'għandhomx jikkostitwixxu "drittijiet speċjali jew esklużivi" fis-sens ta' dawn ir-regolamenti. Dan li ġej jelenka proċeduri, li jiżguraw trasparenza adegwata minn qabel, għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet fuq il-bażi ta' atti leġiżlattivi oħra tal-Unjoni li ma jikkostitwixxux "drittijiet speċjali jew esklużivi" fis-sens ta' dawn ir-regolamenti:

(*a*) l-għoti ta' awtorizzazzjoni sabiex jitħaddmu installazzjonijiet tal-gass naturali skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/73/KE;

(*b*) awtorizzazzjoni jew stedina għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet tal-produzzjoni elettrika ġodda skont id-Direttiva 2009/72/KE;

(*ċ*) l-għoti, skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 97/67/KE, ta' awtorizzazzjonijiet fir-rigward ta' servizz postali li mhuwiex jew li ma għandux jiġi riżervat;

(*d*) proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' attività li tinvolvi l-użu ta' idrokarboni skont id-Direttiva 94/22/KE;

(*e*) kuntratti pubbliċi ta' servizzi skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 għall-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' trasport tal-passiġġieri b'karozzi tal-linja, trammijiet, ferrovija jew metro, li ngħataw abbażi ta' proċedura kompetittiva ta' offerti f'konformità mal-Artikolu 5(3) tiegħu, dment li t-tul tagħhom jikkonforma mal-Artikolu 4(3) jew (4) ta' dak ir-Regolament.

Skeda 6
Servizzi
[Regolament 8(2)]

Kodiċi tas-CPV	Deskrizzjoni
79611000-0; 75200000-8; 75231200-6; 75231240-8; 79622000-0 [Servizzi ta' forniment ta' persunal għal għajnuna domestika]; 79624000-4 [Servizzi ta' forniment ta' persunal infermiera] u 79625000-1 [Servizzi ta' forniment ta' persunal mediku] minn 85000000-9 sa 85323000-9; 98133100-5, 98133000-4 u 98200000-5 u 98500000-8 [Djar privati b'persuni impjegati] u 98513000-2 sa 98514000-9 [Servizzi ta' xogħol manwali ġewwa djar, Servizzi ta' persunal ta' aġenzija għal djar, Servizzi ta' persunal klerikali għal djar, Persunal temporanju ġewwa djar, Servizzi ta' għajnuna fid-dar u Servizzi domestiċi]	Servizzi tas-saħħa, soċjali u servizzi oħra relatati
85321000-5 u 85322000-2, 75000000-6 [Servizzi ta' amministrazzjoni, difiża u sigurtà soċjali], 75121000-0, 75122000-7, 75124000-1; minn 79995000-5 sa 79995200-7; minn 80000000-4 Servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ sa 80660000-8; minn 92000000-1 sa 92342200-2; minn 92360000-2 sa 92700000-8; 79950000-8 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' wirjiet, fieri u kungressi], 79951000-5 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' seminars], 79952000-2 [Servizzi ta' avvenimenti], 79952100-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali], 79953000-9 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' festivals], 79954000-6 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' parties], 79955000-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' wirjiet tal-moda], 79956000-0 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' fieri u wirjiet]	Servizzi amministrattivi soċjali, edukattivi, talkura tas-saħħa u kulturali
75300000-9	Servizzi tas-sigurtà soċjali obbligatorja iżda s-servizzi mhumiex koperti minn dawn ir-regolamenti fejn dawn huma organizzati bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali. L-awtorità kontraenti hija libera li torganizza l-forniment ta' servizzi soċjali obbligatorji jew ta' servizzi oħrajn bħala servizzi ta' interess ġenerali jew bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali.
75310000-2, 75311000-9, 75312000-6, 75313000-3, 75313100-4, 75314000-0, 75320000-5, 75330000-8, 75340000-1	Servizzi ta' benefiċċju

Kodiċi tas-CPV	Deskrizzjoni
98000000-3; 98120000-0; 98132000-7; 98133110-8 u 98130000-3	Servizzi komunitarji, soċjali u personali oħrajn inklużi servizzi mogħtija minn trade unions, organizzazzjonijiet politiċi, assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ u servizzi oħrajn ta' organizzazzjonijiet ta' sħubija
98131000-0	Servizzi reliġjużi
55100000-1 sa 55410000-7; 55521000-8 sa 55521200-0 [55521000-8 Servizzi tal-ikel għal djar privati, 55521100-9, Servizzi ta' "meals-on- wheels", 55521200-0 Servizzi ta' kunsinna ta' ikliet, 55520000-1, Servizz ta' catering, 55511000-5, Servizzi ta' catering għal intrapriżi tat-trasport, 55523000-2, Servizzi ta' catering għal intrapriżi oħrajn jew istituzzjonijiet oħrajn, 55524000-9, Servizzi ta' catering fl-iskejjel, 55510000-8, Servizzi ta' catering tal-kantins, 55511000-5, Servizzi ta' kantins u servizzi oħrajn ta' kafetteriji bi klijentela ristretta, 55512000-2, Servizzi ta' maniġġar tal-kantins, 55523100-3, Servizzi ta' catering fl-iskejjel	Servizzi ta' lukandi u ristoranti
79100000-5 sa 79140000-7; 75231100-5	Servizzi legali, sa fejn mhumiex eskluży skont ir-regolament 5(1)(m)(i) sa (v)
75100000-7 sa 75120000-3; 75123000-4; 75125000-8 sa 75131000-3	Servizzi amministrattivi oħrajn u servizzi tal-gvern
75200000-8 sa 75231000-4	Forniment ta' servizzi lill-komunità
75231210-9 sa 75231230-5; 75240000-0 sa 75252000-7; 794300000-7; 98113100-9	Servizzi relatati ma' ħabsijiet, servizzi ta' sigurtà pubblika u ta' salvataġġ, sa fejn mhumiex eskluży skont ir-regolament 5(1)(p)
79700000-1 sa 79721000-4 [Servizzi ta' investigazzjoni u sigurtà, Servizzi ta' sigurtà, Servizzi ta' monitoraġġ tal-allarm, Servizzi ta' gwardja, Servizzi ta' sorveljanza, Servizzi ta' sistemi ta' intraċċar, Servizzi ta' intraċċar tal- maħrubin, Servizzi ta' għassa, Servizz ta' ħruġ ta' karti tal-identità, Servizzi ta' investigazzjoni u Servizzi ta' aġenzija ta' investigaturi] 79722000-1[Servizzi ta' grafoloġija], 79723000-8 [Servizzi ta' analiżi tal-iskart]	Servizzi ta' investigazzjoni u sigurtà
98900000-2 [Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u korpi *extra*- territorjali] u 98910000-5 [Servizzi speċifiċi għall-organizzazzjonijiet u l- korpi internazzjonali]	Servizzi internazzjonali
64000000-6 [Servizzi ta' posta u telekomunikazzjoni], 64100000-7 [Servizzi ta' posta u kurrier], 64110000-0 [Servizzi ta' posta], 64111000-7 [Servizzi ta' posta relatati mal-gazzetti u l-perjodiki], 64112000-4 [Servizzi tal-posta relatati mal-ittri], 64113000-1 [Servizzi tal-posta relatati mal- pakketti], 64114000-8 [Servizzi ta' bank tal-uffiċċji tal-posta], 64115000-5 [Kiri tal-kaxxi tal-ittri], 64116000-2 [Servizzi post-restante], 64122000-7 [Servizzi ta' posta interna fl-uffiċċji u ta' messaġġiera]	Servizzi tal-posta

Kodiċi tas-CPV	Deskrizzjoni
50116510-9 [Servizzi ta' mmudellar mill-ġdid tat-tajers], 71550000-8 [Servizzi ta' ħaddied]	Servizzi Mixxellanji

---

Skeda 7
Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Konċessjoni
(Regolament 95)

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-fax, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-entità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizzjonali.

2. Tip ta' awtorità jew entità kontraenti u l-attività prinċipali eżerċitata.

3. Jekk l-applikazzjonijiet għandu jkun fihom offerti, l-indirizz elettroniku jew tal-internet fejn id-dokumenti tal-konċessjoni ser ikunu disponibbli għal aċċess bla restrizzjoni, sħiħ, dirett u mingħajr ħlas. Meta aċċess bla restrizzjoni, sħiħ, dirett u mingħajr ħlas ma jkunx disponibbli fil-każijiet imsemmija fir-regolament 76(4) indikazzjoni ta' kif jista' jinkiseb aċċess għad-dokumenti tal-akkwist.

4. Deskrizzjoni tal-konċessjoni: in-natura u l-firxa tax-xogħlijiet, in-natura u l-firxa tas-servizzi, l-ordni tal-kobor jew il-valur indikattiv, u, fejn possibbli, it-tul tal-kuntratt. Fejn il-konċessjoni tinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott. Fejn ikun adatt, deskrizzjoni ta' kwalunkwe opzjonijiet.

5. Kodiċi CPV. Fejn il-konċessjoni tinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

6. Il-kodiċi NUTS għall-post prinċipali tax-xogħlijiet fil-każ ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post prinċipali tat-twettiq fil-każ ta' konċessjonijiet ta' servizz; fejn il-konċessjoni hija maqsuma f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta għal kull lott.

7. Kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi:

(*a*) fejn ikun adatt, indikazzjoni dwar jekk il-konċessjoni hix ristretta għal *workshops* imkennija, jew jekk l-eżekuzzjoni tagħha hix ristretta għall-qafas ta' programmi ta' impjiegi protetti;

(*b*) fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk il-forniment tas-servizz huwiex riżervat minn dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva għal professjoni partikolari; referenza għad-dispożizzjoni leġislattiva, regolatorja jew amministrattiva rilevanti;

(*ċ*) lista u deskrizzjoni qasira tal-kriterji ta' elezzjoni fejn applikabbli; livell(i) minimu/i ta' standards li possibbilment ikunu meħtieġa; indikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa (awtodikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni);

8. Limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet jew il-wasla tal-offerti.

9. Il-kriterji li ser jiġu applikati fl-għoti tal-konċessjoni meta ma jidhrux f'dokumenti tal-konċessjoni oħra.

10. Data ta' meta jintbagħat l-avviż.

11. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-appell u, fejn ikun il-każ, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża dwar l-iskadenza biex jitressqu appelli jew, jekk ikun meħtieġ, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-

indirizz elettroniku tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

12. Fejn adatt, il-kundizzjonijiet partikolari li t-twettiq tal-konċessjoni hu soġġett għalihom.

13. L-indirizz fejn l-applikazzjonijiet jew l-offerti għandhom jintbagħtu.

14. Fejn adatt, indikazzjoni tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet relatati mal-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni.

15. Informazzjoni dwar jekk il-konċessjoni hix relatata ma' proġett u/jew programm iffinanzjat b'fondi tal-Unjoni.

16. Għal konċessjonijiet tax-xogħlijiet, indikazzjoni dwar jekk il-konċessjoni hijiex koperta mill-FAP.

Skeda 8

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Perjodu minn Qabel li jikkonċernaw Konċessjonijiet għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn

[Regolament 95(3)]

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefown, in-numru tal-faks, l-indirizz elettroniku u tal-Internet tal-awtorità jew l-entità kontraenti u, fejn ikunu differenti, tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni.

2. Fejn ikun adatt, l-indirizz elettroniku jew tal-internett fejn l-ispeċifikazzjonijiet u kwalunwe dokumenti ta' sostenn ikunu disponibbli.

3. Tip ta' awtorità kontraenti jew entità kontraenti u l-attività prinċipali eżerċitata.

4. Kodiċi CPV; fejn il-kuntratt inkun maqsum f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

5. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' forniment jew prestazzjoni ta' servizz tal-konċessjonijiet.

6. Deskrizzjoni tas-servizzi, l-ordni indikattiva tal-kobor jew il-valur.

7. kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni.

8. Fejn japplika, l-iskadenza/i biex jiġu kkuntattjati l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti bl-għan ta' parteċipazzjoni.

9. Fejn japplika, deskrizzjoni qasira tal-elementi prinċipali tal-proċedura tal-għoti li għandhom jiġu applikati.

10. Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti.

Skeda 9

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Għoti ta' Konċessjoni
(Regolament 96)

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS u, fejn adatt, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz elettroniku u tal-Internet tal-awtorità jew l-entità kontraenti u, fejn ikunu differenti, tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni.

2. Tip ta' awtorità jew entità kontraenti u l-attività prinċipali eżerċitata.

3. Kodiċi CPV.

4. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tat-twettiq fil-każ ta' konċessjonijiet ta' servizz.

5. Deskrizzjoni tal-konċessjoni: in-natura u l-firxa tax-xogħlijiet, in-natura u l-firxa tas-servizzi, it-tul tal-kuntratt. Fejn il-konċessjoni tinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott. Fejn ikun adatt, deskrizzjoni ta' kwalunkwe opzjonijiet.

6. Deskrizzjoni tal-proċedura tal-għoti użata, fil-każ ta' għoti mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, ġustifikazzjoni.

7. Il-kriterji msemmija fir-regolament 79 li ntużaw għall-għoti tal-konċessjoni jew il-konċessjonijiet.

8. Id-data tad-deċiżjoni jew id-deċiżjonijiet tal-għoti tal-konċessjoni.

9. L-għadd ta' offerti li waslu fir-rigward ta' kull għotja, inkluż:

(*a*) l-għadd ta' offerti li waslu mingħand operaturi ekonomiċi li huma impriżi żgħar u medji;

(*b*) in-numru ta' offerti li waslu minn barra l-pajjiż;

(*ċ*) l-għadd ta' offerti li waslu b'mod elettroniku

10. Għal kull għoti, l-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS u fejn applikabbli, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-offerenti li ntgħażlu, inkluża:

(*a*) informazzjoni dwar jekk l-offerent li ntgħażel huwiex impriża żgħira u medja;

(*b*) informazzjoni dwar jekk il-konċessjoni ngħatatx lil konsorzju.

11. Valur u t-termini finanzjarji prinċipali tal-konċessjoni mogħtija, inkluż:

(*a*) prezzijiet tat-tariffi u l-imposti, jekk jeżistu;

(*b*) premjijiet u ħlasijiet, jekk jeżistu;

(*ċ*) kwalunkwe dettall ieħor relatat mal-valur tal-konċessjoni kif stabbilit fir-regolament 55(1).

12. Informazzjoni dwar jekk il-konċessjoni hix relatata ma' proġett u/jew programm iffinanzjat b'fondi tal-Unjoni.

13. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għar-reviżjoni u, fejn adatt, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża rigward id-data ta' skadenza għall-proċeduri ta' reviżjoni, jew jekk ikun hemm bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz elettroniku tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

14. Data/i u referenza/i ta' pubblikazzjonijiet preċedenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea rilevanti għall-konċessjoni(jiet) irreklamati f'dan l-avviż.

15. Id-data ta' meta ntbagħat l-avviż.

16. Metodu użat biex jiġi kkalkultat il-valur stmat tal-konċessjoni, jekk mhux speċifikat f'dokumenti oħra tal-konċessjoni f'konformità mar-regolamenti 53 sa 56.

17. Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti.

Skeda 10

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Għoti ta' Konċessjoni li tikkonċerna Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn
(Regolament 96)

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, fejn applikabbli, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz elettroniku u tal-Internet tal-awtorità jew l-entità kontraenti u, fejn ikunu differenti, tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni.

2. Tip ta' awtorità jew entità kontraenti u l-attività prinċipali eżerċitata.

3. Kodiċi CPV; fejn il-kuntratt inkun maqsum f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

4. Indikazzjoni sommarju tas-suġġett tal-konċessjoni.

5. L-għadd ta' offerti rċevuti.

6. Il-valur tal-offerta magħżula, inkluż it-tariffi u l-prezzijiet.

7. Isem u indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz elettroniku u tal-Internet tal-operatur jew l-operaturi ekonomiċi magħżula.

8. Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti.

Skeda 11

Karatteristiċi li jikkonċernaw il-Pubblikazzjoni

Pubblikazzjoni ta' avviżi

1. L-avviżi imsemmija fir-regolamenti 95 u 96 għandhom jintbagħtu mill-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u jiġu ppubblikati f'konformità mar-regoli li ġejjin:

- avviżi imsemmija fir-regolamenti 95 u 96 għandhom jiġu ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
- l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandu jagħti lill-awtorità jew l-entità kontraenti l-konferma msemmija fir-regolament 97(2) u (3).

2. Il-format u l-proċeduri sabiex jintbagħtu avviżi b'mod elettroniku

Il-format u l-proċedura sabiex jintbagħtu l-avviżi b'mod elettroniku kif stabbilit mill-Kummissjoni huma aċċessibbli fl-indirizz fuq l-Internet 'http://simap.europa.eu'.

Skeda 12
Lista ta' Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni
Internazzjonali tax-Xogħol

Konvenzjoni tal-ILO 87 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni;

Konvenzjoni tal-ILO 98 dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv;

Konvenzjoni tal-ILO 29 dwar ix-Xogħol Furzat;

Konvenzjoni tal-ILO 105 dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat;

Konvenzjoni tal-ILO 138 dwar l-Età Minima;

Konvenzjoni tal-ILO 111 dwar id-Diskriminazzjoni (Impjieg u Xogħol);

Konvenzjoni tal-ILO 100 dwar Remunerazzjoni Ugwali;

Konvenzjoni tal-ILO 182 dwar l-Aġħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal;

Konvenzjoni ta' Vjenna għall-protezzjoni tas-saff tal-ożonu u l-Protokoll tagħha ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu;

Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll taċ-Ċaqliq Transkonfinali tal-Iskart Perikoluż u r-Rimi tiegħu (il-Konvenzjoni ta' Basel);

Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar it-Tniġġis Organiku Persistenti (il-Konvenzjoni POPs ta' Stokkolma);

Konvenzjoni dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Sustanzi Kimiċi li Jagħmlu Ħsara u Pestiċidi fil-Kummerċ Internazzjonali (UNEP/FAO) (Il-Konvenzjoni PIC) u t-tliet Protokolli reġjonali tagħha.

Skeda 13
Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi ta' Modifiki ta'
Konċessjoni waqt il-terminu tiegħu
(Regolament 85)

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz elettroniku u tal-Internet tal-awtorità jew l-entità kontraenti u, fejn ikunu differenti, tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni.

2. Kodiċi CPV.

3. Il-kodiċi NUTS għall-post prinċipali tax-xogħlijiet fil-każ ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post prinċipali tat-twettiq ta' konċessjonijiet ta' servizz.

4. Deskrizzjoni tal-konċessjoni qabel u wara l-modifika: in-natura u l-firxa tax-xogħlijiet, in-natura u l-firxa tas-servizzi.

5. Fejn ikun applikabbli, il-modifika tal-valur tal-konċessjoni, inkluż żieda fil-prezzijiet jew tariffi kkawżati mill-modifika.

6. Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi li rrendew meħtieġa l-modifika.

7. Id-data tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-konċessjoni.

8. Fejn ikunu applikabbli, l-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS it-telefon, in-

numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-operatur jew l-operaturi ekonomiċi l-ġodda.

9. Informazzjoni dwar jekk il-konċessjoni hix relatata ma' proġett u/jew programm iffinanzjat b'fondi tal-Unjoni.

10. L-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għar-reviżjoni u, fejn adatt, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża dwar id-data ta' skadenza għall-proċedura ta' reviżjoni, jekk ikun hemm bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz elettroniku tas-servizz li minnu tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

11. Data/i u referenza/i ta' pubblikazzjonijiet preċedenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea rilevanti għall-kuntratt(i) kkonċernat(i) minn dan l-avviż.

12. Id-data ta' meta ntbagħat l-avviż.

13. Kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti.